IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.1.2024
COM(2024) 23 final

2024/0017 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-iskrinjar ta' investimenti barranin fl-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

{SWD(2024) 23 final} - {SWD(2024) 24 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni (ir-Regolament) ġie adottat fl-2019 u daħal fis-seħħ fl-11 ta' Ottubru 2020. Jindirizza tħassib dejjem jikber dwar ċerti investituri barranin li jfittxu li jiksbu kontroll ta' ditti tal-UE li jipprovdu teknoloġiji, infrastruttura jew inputs kritiċi, jew li għandhom informazzjoni sensittiva, u li l-attivitajiet tagħhom huma kritiċi għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku fil-livell tal-UE. L-għan tar-Regolament kien li jgħin fl-identifikazzjoni u l-indirizzar tar-riskji għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku relatati mal-IDB li jaffettwaw mill-inqas żewġ Stati Membri jew lill-UE kollha kemm hi, minħabba li l-livell għoli ta' integrazzjoni tas-suq intern ifisser li IDB f'kumpanija tal-UE jista' joħloq riskju lil hinn mill-fruntieri tal-Istat Membru li jospita l-IDB. Sabiex jintlaħaq dan l-objettiv, ir-Regolament jippermetti li l-Istati Membri jirrieżaminaw l-IDB fit-territorju tagħhom għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku, u li jiskambjaw informazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri l-oħra, u jagħtihom is-setgħa li jieħdu miżuri biex jindirizzaw riskji speċifiċi. Barra minn hekk, ir-Regolament ħoloq mekkaniżmu ta' kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet tal-iskrinjar tal-Istati Membri għal IDB individwali. Dan il-mekkaniżmu għamilha possibbli li jsir skambju tal-informazzjoni, u ppermetta lill-Kummissjoni u lil Istati Membri oħra li jitfgħu dawl fuq ir-riskji possibbli li jirriżultaw minn IDB għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku għal Stati Membri oħra jew għal programmi kritiċi fil-livell tal-UE. Dan saħħaħ il-valutazzjoni tal-IDB mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri u ffaċilita d-deċiżjoni aħħarija mill-Istat Membru "ospitanti" dwar jekk jawtorizzax jew le t-tranżazzjoni u, jekk it-tranżazzjoni tiġi awtorizzata, jekk humiex meħtieġa ċerti kundizzjonijiet.

Mill-adozzjoni tar-Regolament, il-kwistjoni tas-sigurtà u l-ordni pubbliku kibret fl-importanza. Il-pandemija tal-COVID-19, il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u tensjonijiet ġeopolitiċi oħra enfasizzaw il-ħtieġa li jiġu identifikati r-riskji għal ċerti investimenti, u li l-assi kritiċi tal-UE jiġu protetti aħjar minnhom. Dan ikkontribwixxa wkoll għaż-żieda sinifikanti fl-għadd ta' Stati Membri li jadottaw mekkaniżmu nazzjonali ta' skrinjar, u fl-espansjoni minn xi Stati Membri fl-għadd ta' setturi soġġetti għall-iskrinjar[1]. Madankollu, sehem sinifikanti ta' IDB fl-UE xorta jmur għand l-Istati Membri li ma għandhomx mekkaniżmu tal-iskrinjar[2], u għalhekk jibqgħu preżenti l-vulnerabbiltajiet, peress li l-IDB potenzjalment kritiċi jibqgħu ma jiġux identifikati.

Il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kollha u l-Kummissjoni madankollu kellha rwol ewlieni fis-sensibilizzazzjoni kif ukoll fl-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-IDB riskjuż,

---

[1] Meta l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta leġiżlattiva tagħha għar-Regolament f'Settembru 2017, 14-il Stat Membru biss (inkluż ir-Renju Unit) żammew mekkaniżmu tal-iskrinjar. Sa Ġunju 2023, tmien Stati Membri addizzjonali kienu adottaw mekkaniżmi tal-iskrinjar u żewġ Stati Membri b'mekkaniżmi settorjali biss kienu ppromulgaw il-mekkaniżmi transsettorjali.

[2] Mat-22,7 % tal-akkwiżizzjonijiet barranin u 20 % tal-proġetti greenfield kienu fi Stati Membri li ma kellhomx mekkaniżmu tal-iskrinjar tal-investimenti applikabbli bis-sħiħ. Fir-rapport Speċjali 27/2023 tagħha ("L-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-UE – L-ewwel passi ttieħdu, iżda għad hemm limitazzjonijiet sinifikanti biex jiġu indirizzati b'mod effettiv ir-riskji għas-sigurtà u l-ordni pubbliku), il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tistma li madwar 42 % tal-istokks tal-IDB jinsabu f'dawn l-Istati Membri (ara l-Illustrazzjoni 4 f'p. 27).

li mill-banda l-oħra kieku ma kinux jiġu nnutati[3]. Madankollu, il-ġestjoni ta' notifiki multiġuriżdizzjonali (jiġifieri tranżazzjonijiet li jinvolvu l-istess negozju f'diversi Stati Membri) kienet sfida u qajmet kwistjonijiet ta' effiċjenza (b'mod partikolari għall-investituri barranin, l-entitajiet fil-mira tal-UE u l-awtoritajiet tal-iskrinjar).

L-Artikolu 15(1) tar-Regolament jirrikjedi li l-Kummissjoni tevalwa l-funzjonament u l-effettività tar-Regolament u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-12 ta' Ottubru 2023 (jiġifieri sa mhux aktar tard minn 3 snin wara l-implimentazzjoni sħiħa tiegħu).

Abbażi tas-sejbiet tar-rapport ta' evalwazzjoni, li jakkumpanja din il-proposta leġiżlattiva, huwa xieraq li tiġi proposta r-reviżjoni tar-Regolament biex jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jkollhom mekkaniżmu ta' skrinjar li jippermetti l-valutazzjoni tat-tranżazzjonijiet qabel ma jitlestew, u biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ewlenin fl-effettività u fl-effiċjenza tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni identifikati fl-evalwazzjoni.

1.2. Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

L-objettiv tal-proposta huwa li jipproteġi s-sigurtà u l-ordni pubbliku tal-UE fil-kuntest tal-investiment barrani. Dan huwa konformi mal-objettivi ta' politika ġenerali tal-UE kif stabbiliti fl-Artikolu 3(5) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari biex jiġu difiżi l-valuri u l-interessi tal-UE fir-relazzjonijiet tagħha mal-bqija tad-dinja u biex hija tikkontribwixxi għall-protezzjoni taċ-ċittadini tagħha, għall-paċi, għas-sigurtà, kif ukoll għall-kummerċ ħieles u ġust.

Il-proposta hija kompletament konformi mal- "Komunikazzjoni dwar is-Sigurtà Ekonomika"[4] tal-2023, li enfasizzat l-iskrinjar tal-IDB bħala waħda mill-għodod li l-UE tuża biex tipproteġi lilha nnifisha minn riskji identifikati b'mod komuni li jaffettwaw is-sigurtà ekonomika tagħha. F'din il-komunikazzjoni konġunta, il-Kummissjoni tenniet is-sejħa biex l-Istati Membri li kienu għadhom ma implimentawx il-mekkaniżmi nazzjonali tal-iskrinjar tal-IDB jagħmlu dan mingħajr aktar dewmien. Hija ħabbret ukoll proposta leġiżlattiva biex jiġi rivedut ir-Regolament dwar l-Iskrinjar tal-IDB.

Ir-Regolament propost jilħaq il-bilanċ xieraq bejn, minn naħa waħda, l-objettiv li jiġi indirizzat it-tħassib leġittimu mqajjem fir-rigward ta' ċerti investimenti barranin u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li jinżamm reġim miftuħ u akkoljenti għal tali investiment fl-UE, filwaqt li jkun kompletament kompatibbli mad-dritt tal-UE u mal-impenji internazzjonali.

1.3. Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Ir-Regolament propost se jikkomplementa u ma jaffettwax politiki u inizjattivi oħra tal-UE, u huwa konsistenti magħhom. Ċerti tranżazzjonijiet jistgħu jkunu soġġetti għal proċeduri oħra ta' awtorizzazzjoni fil-livell tal-UE jew nazzjonali, iżda ma hemm l-ebda inkonsistenza bejn il-proposta u dawn l-istrumenti, li l-għan tagħhom huwa distint minn dak tal-proposta. Pjuttost, hemm ċertu grad ta' komplementarjetà bejn ir-regolament propost u l-istrumenti tal-UE applikabbli għal setturi jew azzjonijiet rilevanti għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku.

---

[3] Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri rrieżaminaw aktar minn 1 100 tranżazzjoni minn meta tnieda l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni.

[4] Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill dwar "l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika" (JOIN/2023/20 final).

Il-moviment liberu tal-kapital u l-libertà tal-istabbiliment

Ir-Regolament propost japplika għal investimenti li jistabbilixxu jew iżommu rabta ekonomika dejjiema bejn l-investitur barrani u l-entità fil-mira tal-UE. Dan jinkludi, pereżempju, l-akkwist ta' parteċipazzjoni azzjonarja maġġoritarja jew sħiħa, kif ukoll kwalunkwe akkwist ta' ishma li jagħtu drittijiet lil investitur barrani biex jikkontrolla jew jinfluwenza l-operazzjonijiet tal-entità fil-mira tal-UE, jew l-istabbiliment ta' faċilitajiet fl-UE (investimenti greenfield). Għaldaqstant, investimenti bħal dawn, meta jikkonċernaw il-moviment fl-UE, jaqgħu l-aktar fil-qasam tal-libertà tal-istabbiliment. Id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) dwar il-libertà tal-istabbiliment jinsabu fl-Artikoli 49-55 tat-TFUE. Dawn id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu l-prinċipju ġenerali li r-restrizzjonijiet għal-libertà tal-istabbiliment huma pprojbiti sakemm ma jkunux iġġustifikati abbażi ta' raġunijiet speċifiċi marbutin mal-ordni pubbliku, mas-sigurtà jew mas-saħħa, kif deskritt fl-Artikolu 52(1) TFUE. L-Istati Membri jistgħu jistrieħu fuq raġunijiet ta' ordni pubbliku u ta' sigurtà pubblika biex jirrestringu l-investimenti biss jekk ikun hemm theddida ġenwina u serja biżżejjed għall-interessi fundamentali tas-soċjetà u jekk miżuri inqas restrittivi ma jkunux biżżejjed biex jindirizzaw din it-theddida. Il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat li l-kunċett ta' sigurtà pubblika jkopri kemm is-sigurtà interna kif ukoll dik esterna tal-Istat.

Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw biss għal persuni fiżiċi u ġuridiċi tal-Istati Membri tal-UE u għalhekk mhumiex rilevanti fir-rigward tal-IDB li jiġu minn pajjiż mhux tal-UE lejn l-UE. Għaldaqstant, id-dixxiplini għall-iskrinjar tal-IDB minn pajjiż mhux tal-UE lejn l-UE, kif deskritt fir-regolament propost, ma jinteraġixxux mad-dispożizzjonijiet dwar il-libertà tal-istabbiliment.

Ir-Regolament propost jestendi wkoll il-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament attwali biex ikopri ċerti investimenti fl-UE li jinvolvu investimenti kkontrollati minn investituri mhux tal-UE. Kif spjegat aktar tard, din l-estensjoni hija importanti biex grupp speċifiku ta' investimenti bħal dawn jiddaħħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, fejn dawn jistabbilixxu jew iżommu rabta ekonomika dejjiema bejn l-investitur mhux tal-UE u l-entità fil-mira tal-UE. Dawn l-investimenti jitwettqu minn entità tal-UE, iżda din l-entità hija kkontrollata mill-investitur mhux tal-UE u s-setgħa tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-investiment tibqa' f'idejn l-investitur mhux tal-UE. Għalhekk huwa xieraq li jiġi żgurat li t-trattament ta' dawn it-tranżazzjonijiet – u speċifikament l-elementi li jistgħu jaffettwaw deċiżjoni biex tiġi skrinjata t-tranżazzjoni jew biex jittieħdu aktar miżuri li jtaffu l-impatti fuq it-tħassib dwar is-sigurtà jew l-ordni pubbliku – ikun, sa fejn ikun possibbli, konsistenti ma' dak tal-IDB, sabiex tiġi evitata sitwazzjoni fejn, għall-finijiet tar-regolament propost, l-investimenti li jġorru riskji komparabbli għall-UE jiġu ttrattati b'mod differenti.

F'dan ir-rigward, il-valutazzjoni tar-riskju probabbli għas-sigurtà u l-ordni pubbliku jenħtieġ li żżomm biżżejjed flessibbiltà biex tagħmilha possibbli li jitqiesu l-karattru speċifiku u l-istruttura tal-investimenti fl-UE mwettqa minn sussidjarji tal-UE ta' investituri barranin. L-eżistenza ta' rabta ċara ma' investitur barrani, flimkien mal-kriterji speċifiċi l-oħra previsti mir-Regolament fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tat-tranżazzjonijiet koperti (inkluża l-lista speċifika ta' oqsma fejn jitwettaq l-investiment jew l-attenzjoni partikolari mogħtija lill-preżenza pubblika fl-istruttura tas-sjieda tal-investitur barrani, kif ukoll il-fatt li l-investitur barrani jista' jiġi skrinjat minħabba li huwa soġġett għal sanzjonijiet tal-UE) kollha jenfasizzaw karatteristiċi speċifiċi tal-investiment li jistgħu jissarrfu fi tħassib speċifiku għas-sigurtà u l-ordni pubbliku u li jeħtieġ li jiġu ġestiti fil-livell tal-UE. Dan it-tħassib huwa komuni għall-IDB u l-investimenti fl-UE fejn l-entità tal-UE hija kkontrollata minn investitur mhux tal-UE. Madankollu, dawn mhumiex assoċjati b'mod naturali ma' investimenti oħra fl-UE fejn ma jkun hemm l-ebda involviment ta' investitur barrani, u jenħtieġ li jkun possibbli

(fejn ġustifikat u proporzjonat) li. meta jiġi vvalutat l-investiment, din id-differenza tiġi riflessa mill-perspettiva tas-sigurtà u l-ordni pubbliku.

Fuq din il-bażi, huwa possibbli li ssir distinzjoni bejn l-applikazzjoni tal-libertajiet tas-suq intern għall-investimenti fl-UE fejn l-entità tal-UE tkun ikkontrollata minn investitur ta' pajjiż mhux tal-UE u sitwazzjonijiet purament intra-UE. Konsegwentement, skont it-Trattat, ir-restrizzjonijiet fuq tranżazzjonijiet li jinvolvu pajjiż mhux tal-UE jistgħu jkunu bbażati fuq kunsiderazzjonijiet differenti. Dan huwa xieraq ukoll meta jitqies li dawn it-tranżazzjonijiet jiġu skrinjati bħala parti minn mekkaniżmu ta' kooperazzjoni fl-Unjoni kollha.

Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u l-prevedibbiltà tal-valutazzjoni fl-Istati Membri kollha, huwa xieraq ukoll li l-kriterji u l-elementi li jintużaw għall-valutazzjoni tal-investimenti barranin jiġu stabbiliti permezz ta' azzjoni tal-UE li tinvolvi r-regolament attwali.

Id-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jikkonċernaw iċ-ċirkolazzjoni libera tal-kapital huma rilevanti biss għal sett marġinali ta' tranżazzjonijiet, kif spjegat hawn fuq, anki fid-dawl tal-esklużjoni espliċita tal-investimenti ta' portafoll mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament propost. Fi kwalunkwe każ, il-kunsiderazzjonijiet magħmula iktar 'il fuq japplikaw fir-rigward tal-bażi potenzjali għal-limitazzjoni taċ-ċirkolazzjoni libera tal-kapital, li huma stabbiliti fl-Artikolu 65(1)(b) TFUE u li jirrigwardaw is-sigurtà pubblika, l-ordni pubbliku jew is-saħħa. F'dan ir-rigward ukoll, huwa importanti li jiġi żgurat li l-bażi għall-iskrinjar tat-tranżazzjonijiet li fl-aħħar mill-aħħar għandhom l-għan li jistabbilixxu rabta dejjiema ma' investitur mhux tal-UE tiġi ttrattata b'mod konsistenti (mill-perspettiva tal-protezzjoni tas-sigurtà u l-ordni pubbliku) u li kwalunkwe tħassib partikolari li jista' jinqala' meta t-tranżazzjoni tinvolvi investitur barrani (anke meta titwettaq permezz ta' entità stabbilita fl-UE iżda kkontrollata minn investitur barrani) jittieħed inkonsiderazzjoni meta jiġi vvalutat l-investiment.

Dawn il-kunsiderazzjonijiet huma mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Istati Membri jillimitaw aktar l-investimenti barranin, lil hinn mill-kriterji u l-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament propost, dment li dawn il-limitazzjonijiet ulterjuri jkunu konsistenti mal-Artikolu 65(1)(b) jew l-Artikolu 52(1) TFUE (kif applikabbli).

Ir-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet

L-IDB jistgħu jkunu fil-forma ta' fużjonijiet, akkwisti jew impriżi konġunti li jikkostitwixxu konċentrazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet[5]. Fir-rigward ta' dawn il-konċentrazzjonijiet, l-Artikolu 21(4) tar-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet jippermetti li l-Istati Membri jieħdu miżuri xierqa biex jipproteġu interessi leġittimi dment li jkunu kompatibbli mal-prinċipji ġenerali u ma' dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-UE. Għal dan l-għan, l-Artikolu 21(4), it-tieni paragrafu, jirrikonoxxi espliċitament il-protezzjoni tas-sigurtà pubblika, il-pluralità tal-media u r-regoli prudenzjali bħala interessi leġittimi. Id-deċizjonijiet tal-iskrinjar meħuda skont ir-regolament propost biex jipproteġu dawn l-interessi ma għandhomx għalfejn jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 21(4), it-tielet paragrafu, dment li jkunu kompatibbli mal-prinċipji ġenerali u ma' dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-UE. Bħala kuntrast, meta Stat Membru jkollu l-ħsieb li jieħu deċiżjoni tal-iskrinjar skont ir-regolament propost biex jipproteġi interessi pubbliċi oħra, huwa jkollu bżonn jikkomunika dan lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 21(4), it-tielet paragrafu, jekk id-deċiżjoni tkun tikkonċerna konċentrazzjoni li taqa' fil-kamp ta'

[5] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/139/oj).

applikazzjoni tar-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet. Il-Kummissjoni se tiżgura l-applikazzjoni konsistenti tar-regolament propost u tal-Artikolu 21(4)[6]. Sa fejn il-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi tal-applikazzjoni taż-żewġ regolamenti jikkonċidu, l-impatt probabbli fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku ddeterminat abbażi tal-kunsiderazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13 tar-Regolament propost u n-nozzjoni ta' interessi leġittimi skont it-tifsira tal-Artikolu 21(4), it-tielet paragrafu, tar-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet, jenħtieġ li jiġu interpretati b'mod konsistenti u mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżuri nazzjonali mmirati li jipproteġu dawn l-interessi skont il-prinċipji ġenerali u d-dispożizzjonijiet l-oħra tad-dritt tal-UE.

Ir-Regolament dwar is-Sussidji Barranin

Filwaqt li l-valutazzjoni tar-riskju fl-iskrinjar tal-IDB tista' tqis jekk l-investitur barrani huwiex ikkontrollat direttament jew indirettament mill-gvern ta' pajjiż mhux tal-UE (inkluż permezz ta' struttura ta' sjieda jew finanzjament sinifikanti), l-għan ta' din il-valutazzjoni huwa li tiddetermina jekk IDB huwiex probabbli li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-UE. Madankollu, is-sussidji barranin jidhru li ħolqu distorsjoni fis-suq intern tal-UE f'dawn l-aħħar snin, u qabel ir-Regolament dwar is-Sussidji Barranin[7] (FSR), ma kien hemm l-ebda strument biex jiġi vvalutat u miġġieled l-impatt tas-sussidji barranin fuq il-kompetizzjoni ġusta fis-suq intern. Is-sussidji mogħtija minn pajjiżi mhux tal-UE ma ġewx iċċekkjati, filwaqt li s-sussidji mogħtija mill-Istati Membri kienu soġġetti għal skrutinju mill-qrib skont ir-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat – fejn il-projbizzjoni hija r-regola u l-awtorizzazzjoni hija l-eċċezzjoni.

L-IDB jindirizza tali distorsjonijiet u jagħlaq lakuna regolatorja, filwaqt li jżomm is-suq intern miftuħ għall-kummerċ u l-investiment.

Taħt l-FSR, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tinvestiga l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mogħtija minn gvernijiet mhux tal-UE lil kumpaniji attivi fl-UE. Jekk il-Kummissjoni ssib li dawn il-kontribuzzjonijiet finanzjarji jikkostitwixxu sussidji distorsivi, hija tista' timponi miżuri biex tirrimedja l-effetti distorsivi tagħhom. L-FSR jintroduċi tliet proċeduri:

- proċedura bbażata fuq in-notifiki biex jiġu investigati l-konċentrazzjonijiet li jinvolvu l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mogħtija minn gvernijiet mhux tal-UE – meta l-kumpanija akkwistata, waħda mill-partijiet fil-fużjoni jew l-impriża konġunta tiġġenera fatturat fl-UE ta' mill-inqas EUR 500 miljun u l-partijiet jkunu ngħataw kontribuzzjonijiet finanzjarji barranin ta' aktar minn EUR 50 miljun fl-aħħar 3 snin;
- proċedura bbażata fuq in-notifiki biex jiġu investigati l-offerti fi proċeduri ta' akkwist pubbliku li jinvolvu kontribuzzjonijiet finanzjarji minn gvernijiet mhux tal-UE – fejn il-valur stmat tal-kuntratt ikun ta' mill-inqas EUR 250 miljun u l-offerta tinvolvi kontribuzzjoni finanzjarja barranija ta' mill-inqas EUR 4 miljun għal kull pajjiż mhux tal-UE fl-aħħar 3 snin; kif ukoll

---

6 Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni bla xkiel tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni skont il-Kapitolu 3 tar-regolament propost u l-proċedura skont l-Artikolu 21(4) tar-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet, jista' jkun utli għall-Istati Membri li jindikaw jekk tranżazzjoni hux probabbli li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet meta jinnotifikaw tranżazzjoni skont l-Artikolu 5 tar-regolament propost.

7 Ir-Regolament (UE) 2022/2560 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern (ĠU L 330, 23.12.2022, p. 1–45, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2560/oj).

- *proċedura fuq inizjattiva proprja* biex jiġu investigati s-sitwazzjonijiet l-oħra kollha tas-suq, fejn il-Kummissjoni tista' tibda rieżami fuq inizjattiva tagħha stess.

Meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li tniedi rieżami preliminari dwar jekk il-kontribuzzjoni finanzjarja li qed tiġi eżaminata tikkostitwixxix sussidju barrani u jekk toħloqx distorsjoni fis-suq intern, hija għandha tinforma lill-Istati Membri li jkunu nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar proċedura nazzjonali skont ir-Regolament.

Sa fejn il-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi taż-żewġ regolamenti jikkonċidu, ir-raġunijiet għall-iskrinjar stabbiliti fl-Artikolu 1 tar-Regolament jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tal-Kummissjoni skont l-FSR, kemm jekk il-kontribuzzjoni finanzjarja li qed tiġi eżaminata tikkostitwixxix sussidju barrani u kemm jekk toħloqx distorsjoni fis-suq intern.

Ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi

Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE[8] tipprevedi proċedura għad-dežinjazzjoni ta' infrastruttura kritika Ewropea fis-setturi tal-enerġija u tat-trasport, li t-tfixkil jew il-qerda tagħha jkollhom impatt transfruntier sinifikanti fuq mill-inqas żewġ Stati Membri, iżda tiffoka biss fuq il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika f'dawn iż-żewġ setturi. Filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza li tiġi indirizzata b'mod komprensiv ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi (jiġifieri l-entitajiet identifikati bħala entitajiet kritiċi mill-Istati Membri fit-territorju tagħhom), id-Direttiva dwar ir-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi[9] (id-Direttiva CER) ħolqot qafas ġenerali li jindirizza r-reżiljenza ta' dawn l-entitajiet fir-rigward tal-perikli kollha, kemm jekk naturali kif ukoll jekk ikkawżati mill-bniedem, jekk aċċidentali jew intenzjonali. Id-Direttiva CER tirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu miżuri speċifiċi biex jiżguraw li s-servizzi essenzjali għaż-żamma tal-funzjonijiet tas-soċjetà jew tal-attivitajiet ekonomiċi vitali fi 11-il settur jiġu pprovduti fis-suq intern mingħajr xkiel. Id-Direttiva CER daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Jannar 2023 u l-Istati Membri għandhom sas-17 ta' Ottubru 2024 biex jittrasponu r-rekwiżiti tagħha fil-liġi nazzjonali.

Sa fejn il-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament propost jikkonċidi mad-Direttiva CER, l-identifikazzjoni ta' l-entità fil-mira tal-UE bħala entità kritika jenħtieġ li tiġi kkunsidrata fil-valutazzjoni tal-investimenti barranin għall-fini tar-regolament propost.

Ċibersigurtà

Ir-regoli tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà introdotti fl-2016[10] ġew aġġornati mid-Direttiva dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-Unjoni (id-Direttiva NIS2)[11], li mmodernizzat il-qafas legali eżistenti biex ilaħħaq maż-żieda fid-diġitalizzazzjoni u x-xenarju tat-theddid għaċ-ċibersigurtà li qed jevolvi permezz ta' kamp ta' applikazzjoni usa', regoli

8 Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni tal-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien tagħhom (ĠU L 345, 23.12.2008, p. 75–82, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/114/oj)

9 Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 164–198, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2557/oj).

10 Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1–30, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2016/1148/oj).

11 Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80–152, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2555/oj).

aktar ċari u għodod ta' superviżjoni aktar b'saħħithom. Id-Direttiva NIS2 tespandi l-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar iċ-ċibersigurtà biex jinkludi setturi u entitajiet ġodda u tintroduċi limitu tad-daqs ċar li jfisser li, bħala regola, il-kumpaniji kollha ta' daqs medju u kbir fis-setturi magħżula se jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni. Id-Direttiva NIS2 issaħħaħ u tissimplifika wkoll ir-rekwiżiti tas-sigurtà u tar-rapportar għall-entitajiet pubbliċi u privati billi timponi approċċ ta' ġestjoni tar-riskju.

Id-Direttiva NIS2 tindirizza s-sigurtà tal-ktajjen tal-provvista u r-relazzjonijiet mal-forniturі billi tirrikjedi li l-entitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha jindirizzaw ir-riskji ċibernetiċi fil-ktajjen tal-provvista u fir-relazzjonijiet mal-forniturі tagħhom. Fil-livell tal-EU, id-Direttiva ssaħħaħ iċ-ċibersigurtà tal-katina tal-provvista għat-teknoloġiji ewlenin tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni. Il-grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS[12], f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà, jista' jwettaq valutazzjonijiet tar-riskju kkoordinati fil-livell tal-Unjoni fir-rigward tas-sigurtà tal-ktajjen tal-provvista kritiċi. Id-Direttiva NIS2 daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Jannar 2023 u l-Istati Membri għandhom sas-17 ta' Ottubru 2024 biex jittrasponu r-rekwiżiti tagħha fil-liġi nazzjonali.

Sa fejn il-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament propost jikkonċidi mad-Direttiva NIS2, il-valutazzjoni tal-investimenti barranin għall-fini tar-regolament propost jenħtieġ li tqis li l-entità fil-mira tal-UE jkun jaqa' wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva NIS2, kif ukoll ir-riżultati tal-valutazzjonijiet tar-riskju għas-sigurtà kkoordinati fil-livell tal-UE rigward il-ktajjen tal-provvista kritiċi mwettqa f'konformità mal-Artikolu 22 tad-Direttiva (UE) 2022/2555.

Enerġija

Matul is-snin, l-UE adottat leġiżlazzjoni biex ittejjeb is-sigurtà tal-provvista fil-qasam tal-enerġija tal-UE u tal-Istati Membri tagħha. Id-Direttivi dwar l-Elettriku u l-Gass[13] jirrikjedu l-valutazzjoni tal-implikazzjonijiet għas-sigurtà tal-provvista mhux biss għall-Istati Membri individwali iżda wkoll għall-UE kollha kemm hi, jekk is-sistema tat-trażmissjoni tal-gass jew tal-elettriku ta' Stat Membru tkun ikkontrollata minn operatur ta' pajjiż mhux tal-UE. Barra minn hekk, ir-Regolament dwar is-Sigurtà tal-Provvista tal-Gass fl-UE[14] jiffoka speċifikament fuq it-tħassib dwar is-sigurtà tal-provvista u jirrikjedi li l-Istati Membri jivvalutaw, fil-livell nazzjonali u reġjonali, ir-riskji kollha possibbli għas-sistema tal-gass (inklużi r-riskji assoċjati mal-kontroll tal-infrastruttura rilevanti għas-sigurtà tal-provvista minn entitajiet ta' pajjiżi terzi) u jħejju pjanijiet komprensivi ta' azzjoni preventiva u pjanijiet ta' emerġenza li jkun fihom miżuri biex jittaffew dawn ir-riskji. Ir-Regolament dwar it-Tħejjija għar-Riskji fis-Settur tal-Elettriku[15] fih dispożizzjonijiet simili għas-settur tal-elettriku. Ċerti entitajiet fis-

[12] Stabbilita skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1–30, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2016/1148/oj)

[13] Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/944/oj) u d-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/73/oj).

[14] Ir-Regolament (UE) 2017/1938 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 994/2010 (ĠU L 280, 28.10.2017, p. 1–56, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1938/oj).

[15] Ir-Regolament (UE) 2019/941 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tħejjija għar-riskji fis-settur tal-elettriku u li jħassar id-Direttiva 2005/89/KE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 1–21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/941/oj).

settur tal-enerġija huma wkoll espressament inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi.

Meta investiment barrani jkun segwit minn talba għal ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar l-Elettriku jew id-Direttiva dwar il-Gass, l-applikazzjoni tar-regolament propost jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-direttiva rilevanti. Sa fejn il-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi taż-żewġ regoli jikkonċidu, ir-raġunijiet għall-iskrinjar stabbiliti fl-Artikolu 1 tar-regolament propost u l-kunċett tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija jenħtieġ li jiġu interpretati b'mod konsistenti u mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni skont id-direttiva rilevanti ta' jekk il-kontroll minn persuna jew persuni minn pajjiż mhux tal-UE jew minn pajjiżi mhux tal-UE jpoġġix f'riskju s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija lejn l-UE.

Trasport bl-ajru

Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008[16] jistabbilixxi regoli komuni għall-operat ta' servizzi tat-trasport bl-ajru fl-UE, inkluż il-liċenzjar tat-trasportaturi tal-ajru tal-UE u t-trasparenza tal-prezzijiet. Dan jirrikjedi (bħala waħda mill-kundizzjonijiet biex tingħata liċenzja operattiva lil impriża awtorizzata li ġġorr bl-ajru passiġġieri, posta jew merkanzija għal remunerazzjoni jew kiri) li l-Istati Membri jew iċ-ċittadini tal-Istati Membri jipposjedu aktar minn 50 % tal-impriża u effettivament ikunu jikkontrollawha, ħlief kif previst fi ftehim ma' pajjiż mhux tal-UE li għalih il-Komunità hija parti (l-Artikolu 4).

Ir-Regolament propost japplika għal investimenti barranin li huma taħt il-limitu stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1008/2008. Għalhekk jippermetti valutazzjoni ta' jekk investiment barrani f'impriża tal-UE li tipprovdi servizzi tal-ajru fl-UE probabbilment jaffettwax b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. Meta investiment barrani jkun soġġett għar-regolament propost, l-applikazzjoni tar-regolament propost għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008.

Valutazzjoni prudenzjali tal-akkwiżizzjonijiet u ż-żidiet ta' parteċipazzjoni kwalifikanti fis-settur finanzjarju

Il-leġiżlazzjoni tal-UE fis-settur finanzjarju tagħti s-setgħa lill-awtoritajiet kompetenti biex iwettqu valutazzjoni prudenzjali tal-akkwiżizzjonijiet u żidiet fil-parteċipazzjonijiet f'istituzzjonijiet finanzjarji (jiġifieri l-istituzzjonijiet ta' kreditu, id-ditti tal-investiment, u l-istituzzjonijiet ta' pagament). L-objettiv ta' dawn id-dispożizzjonijiet huwa li tiġi żgurata l-ġestjoni soda u prudenti tal-istituzzjonijiet finanzjarji u l-funzjonament bla xkiel tas-settur finanzjarju.

Madankollu, kif rikonoxxut fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2021 "*Is-sistema ekonomika u finanzjarja Ewropea: it-trawwim tal-ftuħ, tas-saħħa u tar-reżiljenza*"[17], is-settur finanzjarju huwa wkoll kruċjali għas-sigurtà u r-reżiljenza tal-ekonomija tal-UE. Filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza tas-sistema finanzjarja għas-sigurtà u l-ordni pubbliku, ir-regolament propost jirrikjedi li l-Istati Membri kollha jiskrinjaw l-investimenti barranin f'lista

[16] Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (Riformulazzjoni) (ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3–20, http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1008/oj).

[17] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Is-sistema ekonomika u finanzjarja Ewropea: it-trawwim tal-ftuħ, tas-saħħa u tar-reżiljenza" COM/2021/32 final.

ta' entitajiet stabbilita fl-Anness II u jinnotifikaw dawk it-tranżazzjonijiet lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 5(1) u 5(2) tar-regolament propost.

L-entitajiet finanzjarji elenkati fl-Anness II huma kritiċi għall-ikklerjar u s-saldu bla xkiel ta' tranżazzjonijiet finanzjarji (il-pagamenti, it-titoli u d-derivattivi) li jippermettu l-kummerċ intern u estern u jipprovdu bażi għar-rwol internazzjonali tal-euro. Barra minn hekk, l-entitajiet finanzjarji elenkati fl-Anness II iwettqu funzjonijiet essenzjali għas-soċjetà u normalment ikollhom attività transfruntiera, għalhekk, jistgħu joħolqu riskji għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku ta' aktar minn Stat Membru wieħed.

Ir-Regolament propost mhux se jaffettwa r-regoli tal-UE dwar ir-rieżami prudenzjali tal-akkwiżizzjonijiet ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti fis-settur finanzjarju, li se jibqa' proċedura distinta li sservi objettiv differenti mill-valutazzjoni tar-riskju għas-sigurtà u l-ordni pubbliku.

Kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju

Oġġetti b'użu doppju huma prodotti, software u teknoloġija li jistgħu jintużaw kemm għal applikazzjonijiet ċivili kif ukoll militari. L-UE tikkontrolla l-esportazzjoni, it-tranżitu, is-senserija u l-assistenza teknika ta' dawn l-oġġetti sabiex l-UE tkun tista' tikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali, u tipprevjeni l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva. Ir-Regolament tal-UE dwar il-kontrolli tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju[18] ġie rivedut fl-2021 biex jindirizza aħjar ir-riskji assoċjati mas-sigurtà, it-teknoloġija u l-ambjent kummerċjali li qed jevolvu b'ħeffa, b'enfasi partikolari fuq l-esportazzjonijiet ta' teknoloġiji sensittivi u emerġenti. L-iskrinjar tal-investiment jikkomplementa l-kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju. It-tnejn huma għodod importanti għall-kontrolli strateġiċi tal-kummerċ u tal-investiment biex tiġi żgurata s-sigurtà fl-UE.

Ir-Regolament propost jirrikjedi li l-Istati Membri jiskrinjaw u jinnotifikaw fil-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni investimenti barranin, fejn l-entità fil-mira tal-UE għandha s-setgħa li tiddeċiedi li tesporta oġġetti mit-territorju doganali tal-UE.

Ir-Regolament propost mhux se jaffettwa d-dispożizzjonijiet u d-deċiżjonijiet nazzjonali li jaffettwaw l-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju, li se jibqgħu proċedura distinta b'objettivi speċifiċi.

Strument kontra l-koerċizzjoni

L-istrument kontra l-koerċizzjoni (ACI, anti-coercion instrument)[19] huwa element importanti ieħor għas-sigurtà ekonomika tal-UE. Dan jippermetti li l-UE tirrispondi għall-koerċizzjoni ekonomika u għalhekk tiddefendi aħjar l-interessi tagħha u dawk tal-Istati Membri tagħha fix-xena dinjija.

L-ACI huwa l-ewwel u qabel kollox imfassal biex jiskoraġġixxi il-possibilità ta' koerċizzjoni ekonomika. Jekk madankollu sseħħ koerċizzjoni ekonomika, l-ACI jipprovdi struttura biex il-

[18] Ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-transitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju (riformulazzjoni) (ĠU L 206, 11.6.2021, p. 1–461, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/821/oj).

[19] Ir-Regolament (UE) 2023/2675 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 dwar il-protezzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha mill-koerċizzjoni ekonomika minn pajjiżi terzi (ĠU L, 2023/2675, 07.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2675/oj).

pajjiż mhux tal-UE jieqaf mill-miżuri koerċittivi permezz ta' djalogu u impenn. Madankollu, jekk ifalli l-impenn, jagħti wkoll aċċess lill-UE għal firxa wiesgħa ta' kontromiżuri possibbli kontra l-pajjiż koerċittiv. Dawn jinkludu l-impożizzjoni ta' tariffi, restrizzjonijiet rigward kummerċ fis-servizzi u restrizzjonijiet fuq l-aċċess għall-IDB jew l-akkwist pubbliku.

Jekk ir-regolament propost kellu jiġi applikat għal investituri barranin minn pajjiżi mhux tal-UE li huma soġġetti għal kontromiżuri skont l-ACI, il-valutazzjoni dwar jekk investiment barrani probabbilment jaffettwax b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku jkollha titwettaq mingħajr preġudizzju għall-kunċett ta' koerċizzjoni, ħlief fejn jinħolqu riskji għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku bħala riżultat tal-koerċizzjoni. Barra minn hekk, id-deċiżjonijiet tal-iskrinjar tal-Istati Membri għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku jkollhom ikunu mingħajr preġudizzju għal miżuri possibbli tal-UE li għandhom l-għan li jiġġieldu l-koerċizzjoni ekonomika.

Miżuri restrittivi tal-UE (sanzjonijiet)

Ir-Regolament propost huwa konsistenti mal-miżuri restrittivi tal-UE (is-sanzjonijiet), li abbażi tal-Artikolu 215 TFUE, jieħdu preċedenza fuq regolamenti oħra tal-UE u jistgħu jipprojbixxu jew ifixklu l-awtorizzazzjoni ta' investimenti minn ċerti pajjiżi mhux tal-UE jew ċittadini ta' pajjiżi mhux tal-UE.

Il-miżuri restrittivi tal-UE japplikaw għal firxa ta' entitajiet, inkluż kwalunkwe persuna ġewwa jew barra t-territorju tal-UE li tkun ċittadin ta' Stat Membru, għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp, ġewwa jew barra t-territorju tal-UE, li tkun inkorporata jew kostitwita skont il-liġi ta' Stat Membru, u għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp fir-rigward ta' kwalunkwe negozju li jsir kompletament jew parzjalment fl-UE.

Il-miżuri restrittivi tal-UE jistgħu jieħdu l-forma ta' miżuri speċifiċi għal kumpaniji, gruppi, organizzazzjonijiet jew individwi (pereż. l-iffriżar tal-assi u l-projbizzjoni li fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli) jew il-forma ta' miżuri settorjali.

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-iffriżar tal-assi u l-projbizzjonijiet fuq id-disponibbiltà ta' fondi jestendi ruħu għal assi ta' kwalunkwe entità mhux dežinjata, li tkun proprjetà ta' jew ikkontrollata minn persuna jew entità dežinjata, sakemm ma jkunx jista' jiġi ppruvat li l-assi kkonċernati fil-fatt ma humiex proprjetà tal-persuna jew ta' entità dežinjata jew ikkontrollati minnha.

Huwa importanti li jiġi kkontrollat mill-qrib u strettament kwalunkwe tentattiv minn persuni dežinjati jew b'xi mod ieħor sanzjonati, li direttament jew indirettament jiksbu kontroll fuq ditti tal-UE. Għalhekk huwa kruċjali u jenħtieġ li din ir-regola tapplika wkoll meta l-investitur ma jkunx direttament soġġett għal sanzjonijiet, iżda jkun proprjetà ta' persuna jew entità bħal din, jew ikun ikkontrollat minnha, jew jaġixxi f'isimha jew taħt id-direzzjoni tagħha. Ir-Regolament propost għalhekk jirrikjedi li l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe investiment barrani fit-territorju tagħhom magħmul minn investituri li huma soġġetti għal kwalunkwe tip ta' miżuri restrittivi tal-UE, kif ukoll kwalunkwe parti oħra li hija proprjetà ta' persuna jew entità bħal din, jew ikun ikkontrollat minnha, jew jaġixxi f'isimha jew taħt id-direzzjoni tagħha.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

2.1. Bażi ġuridika

L-IDB huma inklużi b'mod espliċitu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-politika kummerċjali komuni tal-UE, li taqa' taħt l-Artikolu 207 TFUE. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li jintuża l-Artikolu 114 TFUE bħala bażi ġuridika addizzjonali, li jipprevedi l-adozzjoni ta' miżuri li

jiżguraw l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern. Din id-dispożizzjoni tippermetti l-adozzjoni ta' miżuri għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri li għandhom bħala l-għan tagħhom l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern. Hija l-bażi ġuridika xierqa għal intervent li jirrikjedi li l-Istati Membri jiskrinjaw ċerti investimenti fis-suq intern u jindirizzaw id-differenzi bejn il-mekkaniżmi ta' skrinjar tal-Istati Membri, li jistgħu jfixklu l-libertajiet fundamentali u jkollhom effett dirett fuq il-funzjonament tas-suq intern.

Id-differenzi fil-liġijiet nazzjonali jeżistu u qed jiżdiedu, peress li għadd ta' Stati Membri diġà għandhom mekkaniżmi ta' skrinjar, filwaqt li wħud minnhom jinsabu fil-proċess li jistabbilixxu mekkaniżmi bħal dawn li jestendu għal investimenti fl-UE. Din is-sitwazzjoni ta' frammentazzjoni regolatorja sa fejn il-mekkaniżmi nazzjonali ta' skrinjar ikunu jvarjaw fir-rigward tal-elementi speċifiċi, bħall-kamp ta' applikazzjoni tagħhom (it-tipi ta' attivitajiet u s-setturi koperti), kif ukoll l-iskadenzi tagħhom (it-tul ta' żmien tal-valutazzjoni u d-deċiżjoni mill-awtorità nazzjonali), ir-rekwiżiti proċedurali, u l-kriterji applikati għall-probabbilta ta' effett negattiv għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku. Dan huwa aktar u aktar rilevanti meta jitqies il-livell ta' integrazzjoni tas-suq intern, li jista' jirriżulta fi tranżazzjoni waħda li taffettwa diversi Stati Membri fl-UE.

Tali frammentazzjoni toħloq ostakli għal-libertà tal-istabbiliment u x'aktarx li tiżdied bl-għadd ta' Stati Membri li jkollhom mekkaniżmu ta' skrinjar. Il-miżuri armonizzati proposti għandhom l-għan li (i) joħolqu kundizzjonijiet ekwi fost l-Istati Membri, (ii) inaqqsu l-kostijiet ta' konformità eżistenti għall-investituri barranin kif ukoll (iii) jipprevjenu l-ħolqien ta' ostakli addizzjonali fis-suq intern għall-investimenti.

F'konformità mal-objettiv tas-suq intern tagħha, din il-proposta tipprevedi li ċerti investimenti barranin ikollhom jgħaddu minn skrinjar, irrispettivament mill-Istat(i) Membru/i li fih tinsab il-mira. Barra minn hekk, il-proposta tipprevedi li l-investimenti barranin jiġu vvalutati skont standards u skedi ta' żmien armonizzati. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, hija meħtieġa armonizzazzjoni ta' grad ogħla fil-livell tal-Unjoni, għalhekk l-Artikolu 114 TFUE huwa bażi ġuridika rilevanti għal din l-inizjattiva.

L-użu tal-Artikolu 114 TFUE jippermetti l-inklużjoni ta' ċerti investimenti fl-UE fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament propost. L-għan ta' dan huwa li jiġi żgurat li r-riskji għas-sigurtà u l-ordni pubbliku maħluqa minn dawn it-tranżazzjonijiet jiġu indirizzati. B'mod partikolari, ir-regolament propost ikun limitat għal dawk l-investimenti fl-UE li:

(i) isiru minn sussidjarja ta' investitur barrani fl-Unjoni fejn is-sussidjarja tkun direttament jew indirettament ikkontrollata minn investitur barrani. Entitajiet li ma għandhomx parteċipazzjoni f'pajjiż terz, jew li għandhom biss parteċipazzjoni nonkontrollanti minn investitur barrani (investimenti ta' portafoll) mhumiex koperti;

(ii) għandhom l-għan li jistabbilixxu rabta dejjiema bejn l-investitur barrani u l-entità fil-mira tal-UE.

Din l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament attwali dwar l-IDB, għandha l-għan li tkopri sett speċifiku ta' investimenti barranin magħmula permezz ta' sussidjarji tal-UE kkontrollati minn investituri mhux tal-UE. Dan jikkomplementa u jespandi d-dispożizzjonijiet eżistenti li jippermettu li dawn l-investimenti jiġu koperti meta l-istruttura magħżula tintuża biex jiġi evitat l-iskrinjar tal-IDB fl-UE. Dan jiżgura approċċ konsistenti għar-riskji għas-sigurtà u l-ordni pubbliku li jirriżultaw minn investimenti li fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għall-kontroll u setgħa tat-teħid ta' deċiżjonijiet minn investitur ta' pajjiż terz, kemm jekk jitwettqu

direttament minn barra l-UE jew indirettament permezz ta' entità stabbilita fl-UE iżda kkontrollata minn investitur barrani.

Madankollu, din l-estensjoni se twassal għall-iskrinjar tat-tranżazzjonijiet li jitwettqu permezz ta' entitajiet stabbiliti b'mod leġittimu fl-UE. Dan jikkostitwixxi pass addizzjonali meta mqabbel mal-kunċett ta' ċirkomvenzjoni fir-Regolament attwali, li japplika biss meta t-tranżazzjoni titwettaq fl-UE permezz ta' arranġamenti artifiċjali li ma jirriflettux ir-realtà ekonomika. Din l-estensjoni tirrikjedi l-użu tal-Artikolu 114 TFUE bħala bażi legali biex jiġi rifless il-fatt li l-investimenti fl-UE jkunu koperti mir-regolament propost.

Il-bażi legali tar-regolament propost għalhekk ikunu l-Artikoli 207 u 114 TFUE.

2.2. Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà (l-Artikolu 5(3) TUE), l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni għandha tittieħed meta l-għanijiet previsti ma jkunux jistgħu jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom biss, u li għaldaqstant, minħabba l-iskala jew l-effetti, ikunu jistgħu jinkisbu aħjar mill-Unjoni.

Peress li l-mekkaniżmi ta' skrinjar tal-Istati Membri jvarjaw fil-kamp ta' applikazzjoni, fil-kontenut u fl-effett tagħhom, jidher li hemm qafas regolatorju frammentat tar-regoli nazzjonali u dan ir-riskju jista' jiżdied, speċjalment fir-rigward tal-iskrinjar tal-investimenti barranin fl-UE. Dan idgħajjef is-suq intern billi joħloq kundizzjonijiet mhux ekwi u kostijiet mhux meħtieġa għall-entitajiet li jfittxu li jwettqu attività ekonomika f'setturi rilevanti għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku.

Intervent fil-livell tal-Unjoni biss jista' jsolvi dawn il-problemi peress li r-regoli fil-livell nazzjonali diġà joħolqu ostakli għall-investimenti li jsiru fl-UE. B'kuntrast ma' dan, l-effetti ta' kwalunkwe azzjoni meħuda skont il-liġi nazzjonali jkunu limitati għal Stat Membru wieħed u jirriskjaw li jiġu evitati jew ikunu diffiċili li jiġu ssorveljati fir-rigward ta' investituri barranin. Barra minn hekk, xi Stati Membri bħalissa qed jikkunsidraw inizjattivi leġiżlattivi fil-qasam tal-iskrinjar tal-investiment. Hija biss l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni li tista' tindirizza dan b'mod konsistenti fis-suq intern kollu. L-introduzzjoni ta' standards komuni u proporzjonati għall-iskrinjar tal-investimenti fl-UE b'kontroll barrani hija essenzjali biex jiġi żgurat li tali miżuri jiġu stabbiliti b'mod konsistenti fl-Istati Membri kollha fir-rigward tad-drittijiet fundamentali kollha. Approċċ tal-UE aktar komuni u kkoordinat li jallinja s-sistemi ta' skrinjar nazzjonali jipprovdi aktar ċertezza għall-investituri potenzjali fir-rigward tal-infrastruttura kritika, tat-teknoloġija u tal-inputs billi jinfurmahom minn qabel dwar ir-regoli komuni li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jużaw biex jivvalutaw u jindirizzaw ir-riskji relatati mas-sigurtà u l-ordni pubbliku.

Fl-aħħar nett, l-iskrinjar tal-investimenti barranin fl-UE huwa kwistjoni transnazzjonali b'implikazzjonijiet transfruntieri li jeħtieġ li jiġu indirizzati fil-livell tal-Unjoni. Investiment barrani fi Stat Membru jista' jkollu impatt lil hinn mill-fruntieri ta' dak l-Istat Membru, fi Stat Membru ieħor jew fil-livell tal-Unjoni. In-nuqqas ta' azzjoni fil-livell tal-UE jista' jwassal biex l-Istati Membri jkunu inqas kapaċi jipproteġu l-interessi tas-sigurtà jew tal-ordni pubbliku tagħhom relatati mal-investimenti barranin, b'mod partikolari għal każijiet meta l-investiment barrani, li probabbilment jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku tagħhom, jitwettaq fit-territorju ta' Stat Membru ieħor. L-esperjenza miksuba bl-implimentazzjoni tar-Regolament turi li huwa improbabbli li l-Istati Membri jikkonverġu fuq standards u proċeduri allinjati dwar kif għandhom jiġu skrinjati l-investimenti barranin għal raġunijiet ta' sigurtà u ordni pubbliku, jew li jsaħħu l-mekkaniżmu sistematiku ta'

kooperazzjoni fl-Unjoni kollha għall-iskambju ta' informazzjoni bejn xulxin u mal-Kummissjoni.

Għalhekk hemm argument qawwi għal azzjoni fil-livell tal-UE biex dawn l-oqfsa nazzjonali jiġu allinjati u armonizzati biex l-investiment isir aktar prevedibbli fis-suq intern, speċjalment fi tranżazzjonijiet multiġuriżdizzjonali, biex tissaħħaħ iċ-ċertezza legali tal-iskrinjar tal-investiment fl-UE, biex jitnaqqas il-piż amministrattiv, biex jingħata kontribut għal kundizzjonijiet ekwi fl-Istati Membri kollha fejn isiru l-investimenti u biex tkun permessa kooperazzjoni aktar effettiva u effiċjenti bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar ir-riskji transfruntieri għas-sigurtà u l-ordni pubbliku relatati mal-investimenti barranin.

2.3. Proporzjonalità

Ir-Regolament propost għandu l-għan li jipproteġi s-sigurtà u l-ordni pubbliku fl-UE fir-rigward tal-investimenti barranin.

Ma fihx regoli li huma ekwivalenti għal mekkaniżmu nazzjonali ta' skrinjar, minħabba li tali mekkaniżmu jista' jimponi kundizzjonijiet fuq tranżazzjoni u, bħala l-aħħar alternattiva, jipprojbixxi t-tlestija tiegħu. Ir-Regolament propost iħalli d-deċiżjoni finali dwar kwalunkwe investiment f'idejn l-Istat Membru fejn it-tranżazzjoni hija ppjanata jew tlestiet. L-objettiv tar-regolament propost huwa pjuttost li jgħin fl-identifikazzjoni u l-indirizzar tar-riskji għas-sigurtà u l-ordni pubbliku li jaffettwaw mill-inqas żewġ Stati Membri jew l-UE kollha permezz ta' mekkaniżmu ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Dan il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni jipprovdi mezz uffiċjali għall-iskambju ta' informazzjoni kunfidenzjali u għas-sensibilizzazzjoni dwar ċirkostanzi speċifiċi fejn l-IDB jista' jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku. Dan jagħmilha possibbli wkoll għall-Kummissjoni u għal Stati Membri oħra li jirrakkomandaw miżuri lill-Istat Membru fejn hemm ppjanat IDB jew fejn diġà tlesta, sabiex jiġi indirizzat it-tħassib speċifiku identifikat.

L-evalwazzjoni tar-Regolament uriet li l-effettività tal-qafas tal-UE għall-iskrinjar tal-investiment titnaqqas b'mod konsiderevoli permezz ta' (i) in-nuqqas f'xi Stati Membri ta' mekkaniżmi tal-iskrinjar li jagħmlu possibbli l-iskrutinju tat-tranżazzjonijiet qabel ma jitlestew; u (ii) il-kopertura limitata tal-mekkaniżmi nazzjonali tal-iskrinjar tal-investiment[20]. Dan jista' jkollu effetti konsegwenzjali fuq is-sigurtà jew l-interessi tal-ordni pubbliku fi Stati Membri oħra u fuq proġetti jew programmi ta' interess għall-UE.

Fin-nuqqas ta' kamp ta' applikazzjoni komuni għat-tranżazzjonijiet soġġetti għall-iskrinjar jew modi oħra biex jiġu armonizzati l-kundizzjonijiet li jenħtieġ li jiskattaw l-iskrinjar fil-livell nazzjonali, l-għadd u l-ambitu tan-notifiki li l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni jirċievi mill-Istati Membri x'aktarx li se jkomplu jvarjaw ħafna. Barra minn hekk, xi investituri barranin jistgħu jkomplu jieħdu vantaġġ minn ġurisdizzjonijiet fl-UE li ma għandhomx mekkaniżmu tal-skrinjar tal-IDB jew li l-mekkaniżmu tagħhom ma japplikax għas-settur ikkonċernat.

Il-miżuri fir-regolament propost biex jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u jiġu stabbiliti ċerti rekwiżiti proċedurali u sostantivi għall-mekkaniżmi nazzjonali ta' skrinjar huma proporzjonati peress li jilħqu l-objettiv tar-regolament propost filwaqt li jippermettu

[20] L-Istati Membri li jeskludu oqsma importanti mill-applikazzjoni tal-mekkaniżmi tal-iskrinjar tagħhom – inkluż billi jiddefinixxu b'mod strett il-kamp ta' applikazzjoni settorjali ta' dawn jew billi jeżentaw lill-investituri assoċjati ma' ċerti ġuriżdizzjonijiet mhux tal-UE – għandhom mezzi limitati biex jimmaniġġjaw b'mod effettiv ir-riskji relatati mal-investiment barrani fl-UE.

wkoll li l-Istati Membri jqisu l-ispeċifiċitajiet nazzjonali fil-mekkaniżmi ta' skrinjar tagħhom u jieħdu d-deċiżjoni finali dwar kwalunkwe investiment barrani.

Ir-Regolament propost jirrikjedi li l-kumpaniji jikkooperaw mal-awtoritajiet nazzjonali tal-iskrinjar, iżda l-kostijiet amministrattivi għall-kumpaniji se jkunu raġonevoli u proporzjonati, bis-saħħa tal-formola standardizzata għan-notifiki lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni.

2.4. Għażla tal-istrument

Din hija proposta biex jiġi rivedut regolament eżistenti, għalhekk jidher leġittimu li tinżamm il-forma attwali tal-istrument (jiġifieri bħala regolament).

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

3.1. Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti

Il-proposta leġiżlattiva hija akkumpanjata minn dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jevalwa r-Regolament skont il-ħames kriterji ta' "regolamentazzjoni aħjar" (l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza, u l-valur miżjud tal-UE).

3.2. Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

Il-Kummissjoni ppubblikat konsultazzjoni mmirata u sejħa għal evidenza li saru bejn l-14 ta' Ġunju u l-21 ta' Lulju 2023. Il-Kummissjoni rċeviet 47 tweġiba għall-konsultazzjonijiet[21] u 10 kontribuzzjonijiet wara sejħa għall-evidenza[22].

Il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati (id-ditti legali, l-assoċjazzjonijiet tan-negozju u n-negozji) b'esperjenza ppruvata fl-implimentazzjoni tar-regoli tal-UE dwar l-iskrinjar tal-IDB biex jipprovdu aktar kontribut bil-miktub abbażi ta' kwestjonarju. Dawn it-tweġibiet inġabru bejn t-3 ta' Awwissu u l-1 ta' Settembru 2023. Sommarju tat-tweġibiet huwa disponibbli fl-Anness V tar-rapport ta' evalwazzjoni li jakkumpanja l-proposta leġiżlattiva.

3.3. Ġbir u użu tal-għarfien espert

Il-Kummissjoni użat kuntrattur estern biex twettaq l-evalwazzjoni tar-Regolament dwar l-Iskrinjar tal-IDB. Is-Segretarjat tal-OECD (id-Diviżjoni tal-Investiment tad-Direttorat għall-Affarijiet Finanzjarji u tal-Intraprizi) wettaq studju dwar l-effettività u l-effiċjenza tar-Regolament dwar l-Iskrinjar tal-IDB u offra konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet wiesgħa dwar kif għandhom jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-istudju[23]. Dan l-istudju kien ikkofinanzjat mill-Kummissjoni u twettaq bejn Ottubru 2021 u Ġunju 2022.

---

21 Ir-rapport ta' sinteżi tal-konsultazzjoni mmirata huwa disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni: https://policy.trade.ec.europa.eu/consultations/screening-foreign-direct-investments-fdi-evaluation-and-possible-revision-current-eu-framework_en.

22 Il-kontribuzzjonijiet wara s-sejħa għall-evidenza huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni: https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/13739-Screening-of-foreign-direct-investments-FDI-evaluation-and-revision-of-the-EU-framework/feedback_mt?p_id=32186570.

23 Dan l-istudju ġie ppubblikat f'Novembru 2022: https://www.oecd.org/investment/investment-policy/oecd-eu-fdi-screening-assessment.pdf.

3.4. Valutazzjoni tal-impatt

Il-proposta leġiżlattiva mhijiex appoġġata minn valutazzjoni tal-impatt. Dan huwa konformi mal-istrumenti għal regolamentazzjoni aħjar, li jipprevedu li valutazzjoni tal-impatt tista' ma tkunx meħtieġa għal "inizjattivi ta' politika li jipproponu bidliet limitati bbażati fuq evalwazzjoni bir-reqqa, li tkun identifikat b'mod ċar l-emendi meħtieġa f'politika jew f'leġiżlazzjoni"[24]. Il-Kummissjoni tqis li r-regolament propost u r-rapport ta' evalwazzjoni li jakkumpanja din il-proposta leġiżlattiva jissodisfaw dawn il-kriterji.

3.5. Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni

Dan l-inizjattiva hija parti mill-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2023[25]. Mhix parti mill-Anness II (l-inizjattivi REFIT).

Ir-Regolament propost itejjeb il-kapaċità tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri li jidentifikaw u jindirizzaw l-investimenti barranin li x'aktarx jaffettwaw b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku fl-UE. Il-proposta tirrikjedi li l-Istati Membri kollha jiskrinjaw l-investimenti barranin, li jistgħu jżidu l-piż amministrattiv fuq in-negozji, minħabba li l-investimenti barranin fl-UE se jkunu soġġetti għal kontroll f'aktar ġurisdizzjonijiet mill-21 Stat Membru li bħalissa għandhom mekkaniżmu ta' skrinjar. Madankollu, il-proposta hija mistennija li tirriżulta f'iffrankar potenzjali tal-kostijiet minħabba s-simplifikazzjoni u l-allinjament tar-regoli u l-arranġamenti attwali fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali. Is-simplifikazzjoni tirrigwarda l-allinjament tal-iskadenzi tal-iskrinjar nazzjonali; l-iffukar tal-kooperazzjoni fil-livell tal-UE dwar l-iskrinjar tal-IDB fuq tranżazzjonijiet potenzjalment kritiċi (għall-kuntrarju tat-tranżazzjonijiet kollha soġġetti għall-iskrinjar formali fi Stat Membru); u ż-żieda fit-trasparenza proċedurali tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni tal-UE.

3.6. Drittijiet fundamentali

Il-proposta hija allinjata mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tirrispetta l-libertà li jsir negozju. Ir-Regolament propost iħalli l-iskrinjar tal-investimenti f'idejn l-Istati Membri (inkluża d-deċiżjoni finali dwar tranżazzjonijiet speċifiċi), iżda r-rekwiżiti għall-mekkaniżmi nazzjonali ta' skrinjar jgħinu lill-Istati Membri jiżguraw ir-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali għal proċedimenti ġusti u amministrazzjoni tajba.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Sabiex jintlaħqu b'mod effettiv l-objettivi ta' din l-inizjattiva, huwa meħtieġ li jiġu ffinanzjati għadd ta' azzjonijiet fil-livell tal-Kummissjoni. In-nefqa annwali fuq ir-riżorsi umani se tammonta għal madwar EUR 5,162 miljun fis-sena, li huma maħsubin biex jagħmlu tajjeb għall-għadd totali ta' 29 uffiċjal (f'unità Ekwivalenti għall-Full Time) fil-Kummissjoni. Spejjeż amministrattivi oħra huma relatati mar-rimborż tal-kostijiet tal-ivvjaġġar tal-Istati Membri għal-laqgħat tal-grupp tal-esperti (l-Artikolu 5) u tal-kumitat (l-Artikolu 21). Dawn il-kostijiet huma pprożettati li jammontaw għal EUR 0,032 miljun fis-sena. In-nefqa operazzjonali, li se tintuża biex tiffinanzja l-infrastruttura tal-IT meħtieġa biex tappoġġa l-kooperazzjoni diretta bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri permezz ta' kanali siguri ta' komunikazzjoni se tilħaq madwar EUR 0,25-0,29 miljun fis-sena. Il-Kummissjoni biħsiebha tniedi studju estern b'baġit ta' EUR 0,25 miljun biex tappoġġa l-valutazzjoni tagħha marbuta

[24] L-istrumenti għal "Regolamentazzjoni Aħjar" 2023, l-Istrument #7.

[25] COM(2022) 548 final: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52022DC0548

mal-konformità tal-Istati Membri wara tmiem il-perjodu tranżitorju. Il-Kummissjoni se tikkunsidra tniedi t-tieni studju biex tappoġġa l-evalwazzjoni ta' 5 snin tar-regolament propost mill-Kummissjoni.

Ħarsa ġenerali ddettaljata lejn il-kostijiet involuti tinsab fid-dikjarazzjoni finanzjarja marbuta ma' din l-inizjattiva.

5. ELEMENTI OĦRA

5.1. Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar

Il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni huma parti importanti mill-proposta.

Il-monitoraġġ se jkun kontinwu u bbażat fuq objettivi operazzjonali u indikaturi speċifiċi. Il-monitoraġġ regolari u kontinwu se jkopri l-aspetti ewlenin li ġejjin:

(i) l-għadd ta' tranżazzjonijiet innotifikati lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni; kif ukoll

(ii) l-għadd ta' tranżazzjonijiet li x'aktarx jaffettwaw b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku f'aktar minn Stat Membru wieħed jew permezz ta' proġett jew programm ta' interess għall-Unjoni.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' timmonitorja l-iżviluppi relatati mad-deċiżjonijiet finali rrappurtati mill-Istati Membri fuq bażi kunfidenzjali lill-Kummissjoni.

Ir-Regolament propost se jkompli jirrikjedi li l-Istati Membri jagħtu rappurtar ta' kull sena lill-Kummissjoni, fuq bażi kunfidenzjali, dwar l-attivitajiet taħt il-mekkaniżmu ta' skrinjar tagħhom għas-sena kalendarja preċedenti. L-Istati Membri se jkunu meħtieġa wkoll jippubblikaw rapport annwali b'informazzjoni dwar l-iżviluppi leġiżlattivi rilevanti u l-attivitajiet tal-awtorità tal-iskrinjar inkluża d-*data* aggregata dwar il-każijiet skrinjati u d-deċiżjonijiet tal-iskrinjar meħuda. Il-Kummissjoni se tkompli tipprovdi rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament propost lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dan ir-rapport se jibqa' jkun pubbliku.

Ir-Regolament propost jiġi vvalutat fil-kuntest ta' eżerċizzju ta' evalwazzjoni, 5 snin wara d-data tal-applikazzjoni sħiħa tiegħu. Jekk ikun meħtieġ, tista' tiġi attivata klawżola ta' rieżami li abbażi tagħha l-Kummissjoni tkun tista' tieħu l-miżuri xierqa, inkluż proposti leġiżlattivi.

5.2. Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-regolament propost

Il-Kapitolu 1 jistipula dispożizzjonijiet ġenerali, inkluż is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament propost (l-Artikolu 1). Ir-Regolament propost jistabbilixxi qafas tal-UE għall-iskrinjar mill-Istati Membri tal-investimenti fit-territorju tagħhom, għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku. Jistabbilixxi wkoll mekkaniżmu ta' kooperazzjoni li jippermetti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiskambjaw informazzjoni dwar investimenti, jivvalutaw l-impatt potenzjali tagħhom fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku, u jidentifikaw it-tħassib potenzjali li l-Istat Membru li jkun qed jiskrinja l-investiment ikun meħtieġ jindirizza. Ir-raġunijiet għall-iskrinjar tal-investiment huma ddeterminati f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti għall-impożizzjoni ta' miżuri restrittivi abbażi ta' raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku stipulati fil-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (inklużi, b'mod partikolari, l-Artikoli XIV(a) u XIV bis tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi) u fi ftehimiet jew arranġamenti oħra ta' kummerċ u investiment li għalihom l-UE jew l-Istati Membri tagħha huma partijiet.

L-Artikolu 2 jistabbilixxi għadd ta' definizzjonijiet applikabbli. B'mod partikolari, jiċċara li r-regolament propost ikopri l-investimenti li huma investimenti diretti barranin jew investimenti fl-UE b'parteċipazzjoni barranija. Għall-fini ta' dan ir-regolament propost, l-investiment dirett barrani jkopri firxa wiesgħa ta' investimenti li jistabbilixxu jew iżommu rabtiet dejjiema u diretti bejn investituri minn pajjiżi mhux tal-UE u l-impriżi li jwettqu attività ekonomika fi Stat Membru. Dan jinkludi investimenti minn investitur barrani f'entità fil-mira tal-UE, fejn l-entità fil-mira tal-UE tkun impriża sussidjarja ta' entità fil-mira barranija li fiha jsir l-investiment. L-investiment fl-UE b'parteċipazzjoni barranija jkopri firxa wiesgħa ta' investimenti mwettqa minn investitur barrani permezz ta' impriża sussidjarja fl-UE tal-investitur barrani u bl-għan li jiġu stabbiliti jew jinżammu rabtiet dejjiema u diretti bejn l-investitur barrani u l-entità fil-mira tal-UE sabiex titwettaq attività ekonomika fi Stat Membru. Ir-Regolament propost ma jkoprix l-investimenti tal-portafoll.

Il-Kapitolu 2 fih regoli għall-mekkaniżmi nazzjonali ta' skrinjar. L-Artikolu 3 jirrikjedi li l-Istati Membri kollha jistabbilixxu u jżommu mekkaniżmu tal-iskrinjar li jikkonforma mar-rekwiżiti tar-regolament propost u li jinnotifikaw dan il-mekkaniżmu lill-Kummissjoni. Abbażi ta' dawn in-notifiki, il-Kummissjoni hija meħtieġa tippubblika lista ta' mekkaniżmi nazzjonali tal-iskrinjar. L-Artikolu 4 jistabbilixxi ċerti rekwiżiti għall-mekkaniżmi nazzjonali tal-iskrinjar. B'mod partikolari, dawn il-mekkaniżmi huma meħtieġa jkopru mill-inqas (i) l-investimenti f'kumpaniji tal-UE li jipparteċipaw fi proġetti jew programmi ta' interess għall-UE stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament propost; u (ii) l-investimenti f'kumpaniji tal-UE attivi f'oqsma ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-UE stabbiliti fl-Anness II tar-regolament propost; (l-"investimenti notifikabbli"). Barra minn hekk, jistabbilixxi għadd ta' rekwiżiti biex tiġi żgurata l-effettività tal-mekkaniżmi tal-iskrinjar.

Il-Kapitolu 3 jipprevedi mekkaniżmu ta' kooperazzjoni li jippermetti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiskambjaw informazzjoni u jissuġġerixxu miżuri jekk investiment barrani x'aktarx jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku f'aktar minn Stat Membru wieħed, jew permezz ta' proġett jew programm ta' interess għall-Unjoni. L-Artikoli 5 u 6 jistabbilixxu regoli u proċeduri relatati man-notifika ta' investimenti barranin, inkluża proċedura speċifika għal investimenti barranin skrinjati minn diversi Stati Membri simultanjament (it-"tranżazzjonijiet multinazzjonali"). L-Artikolu 7 jiddeskrivi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-kummenti maħruġa mill-Istati Membri u l-opinjonijiet maħruġa mill-Kummissjoni wara l-valutazzjoni ta' investiment barrani nnotifikat. Dan jippermetti li l-Istati Membri jipprovdu kummenti lill-Istat Membru fejn iseħħ l-investiment barrani jekk dan l-investiment barrani x'aktarx jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku tagħhom, jew ikollhom informazzjoni rilevanti għall-iskrinjar ta' dan l-investiment barrani. Il-Kummissjoni tista' toħroġ opinjoni lill-Istat Membru fejn iseħħ l-investiment barrani jekk tqis li dan l-investiment barrani x'aktarx jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku ta' aktar minn Stat Membru wieħed, jew proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku. Il-Kummissjoni tista' wkoll toħroġ opinjoni jekk ikollha informazzjoni rilevanti għall-iskrinjar tal-investiment barrani jew jekk diversi investimenti barranin jippreżentaw riskji simili għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku. Barra minn hekk, l-Artikolu 7 jistabbilixxi proċeduri dettaljati biex tiġi pprovduta informazzjoni lill-Istati Membri rilevanti u lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tal-iskrinjar meħuda mill-Istat Membru notifikanti. L-Artikolu 8 jistabbilixxi l-iskadenzi u l-proċeduri għall-għoti ta' kummenti u opinjonijiet, inkluż għal każijiet ta' tranżazzjonijiet multinazzjonali. L-Artikolu 9 jipprevedi mekkaniżmu li jippermetti li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jikkooperaw fuq investimenti barranin li ma jiġux notifikati mill-Istat Membru fejn huwa ppjanat li jseħħ l-investiment barrani. L-Artikolu 10 jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-

informazzjoni li għandha tiġi pprovduta u li tista' tintalab fir-rigward ta' investimenti barranin soġġetti għall-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni. Dan jirrikjedi li l-Kummissjoni tadotta regolament ta' implimentazzjoni biex tipprovdi formola standardizzata għan-notifika ta' investimenti barranin. L-Artikolu 11 jistabbilixxi r-rekwiżiti komuni għall-mekkaniżmi nazzjonali ta' skrinjar sabiex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni effettiva tagħhom fil-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni. L-Artikolu 12 jipprevedi regoli biex tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tal-iskambji bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni.

Il-Kapitolu 4 jipprevedi regoli għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni biex jiġi determinat l-impatt probabbli ta' investiment barrani fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku (l-Artikolu 13) u għad-deċiżjonijiet tal-iskrinjar tal-Istati Membri (l-Artikolu 14).

Il-Kapitolu 5 jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet finali. L-Artikolu 14 jipprevedi bażi legali għall-kooperazzjoni mal-awtoritajiet responsabbli ta' pajjiżi mhux tal-UE dwar kwistjonijiet relatati mal-iskrinjar tal-investimenti għal raġunijiet ta' sigurtà u ordni pubbliku. Din il-kooperazzjoni mhijiex maħsuba biex tippermetti l-iskambji tal-informazzjoni dwar tranżazzjonijiet li huma soġġetti għall-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza tal-mekkaniżmi ta' skrinjar u l-kooperazzjoni tal-UE dwar l-iskrinjar tal-investimenti barranin, l-Artikolu16 jirrikjedi li l-Istati Membri jirrapportaw kull sena lill-pubbliku dwar l-attivitajiet ta' skrinjar u d-deċiżjonijiet tal-iskrinjar tagħhom billi jippubblikaw informazzjoni aggregata u anonimizzata. Il-Kummissjoni hija meħtieġa wkoll tippubblika rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tar-regolament. Fl-aħħar nett, il-Kapitolu 5 jipprevedi regoli li jirregolaw l-ipproċessar tad-*data* personali (l-Artikolu 17), l-evalwazzjoni (l-Artikolu 18), l-atti delegati (l-Artikolu 19), l-eżerċizzju tad-delega (l-Artikolu 20) u l-proċedura tal-kumitat għall-atti ta' implimentazzjoni (l-Artikoli 21-22). L-Artikolu 22 jirrevoka r-Regolament (UE) 2019/452 u l-Artikolu 24 jipprevedi li r-regolament propost jenħtieġ li jidħol fis-seħħ wara perjodu tranżitorju ta' 15-il xahar. Fil-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Regolament (UE) 2019/452 jibqa' fis-seħħ u jkompli japplika.

L-Anness I jipprevedi lista ta' proġetti u programmi ta' interess għall-Unjoni. Dawn huma proġetti jew programmi koperti mil-liġi tal-UE li jipprevedu l-iżvilupp, il-manutenzjoni jew l-akkwist ta' infrastruttura kritika, teknoloġiji kritiċi jew inputs kritiċi li huma essenzjali għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku. Meta entità fil-mira tal-UE tkun parti minn proġett jew programm ta' interess għall-Unjoni jew tkun tipparteċipa fih, l-Istati Membri huma meħtieġa jiskrinjaw u jinnotifikaw l-investiment barrani kkonċernat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

L-Anness II jelenka t-teknoloġiji, l-assi, il-faċilitajiet, it-tagħmir, in-networks, is-sistemi, is-servizzi u l-attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni. Meta entità fil-mira tal-UE tkun ekonomikament attiva f'qasam elenkat fl-Anness II, l-Istati Membri huma meħtieġa jiskrinjaw l-investiment barrani. In-notifika ta' dan l-investiment barrani lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni hija meħtieġa jekk l-investitur barrani jew l-entità fil-mira tal-UE tissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju stabbiliti fir-regolament. Dan il-filtru bbażat fuq ir-riskju huwa xieraq biex jiġi żgurat li l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni tal-UE jiffoka biss fuq l-investimenti barranin li huma ta' interess potenzjali mill-perspettiva tas-sigurtà u ma jimponix piż bla bżonn fuq l-amministrazzjonijiet u l-kumpaniji nazzjonali.

2024/0017 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-iskrinjar ta' investimenti barranin fl-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 114 u 207 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ta' [data], li ġiet ikkonsultata skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-investimenti fl-Unjoni jikkontribwixxu għat-tkabbir tagħha billi jtejbu l-kompetittività tagħha, joħolqu l-impjiegi u l-ekonomiji ta' skala, u jġibu kapital, teknoloġiji, innovazzjoni u għarfien espert.

(2) L-Artikolu 3(5) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jispeċifika li l-Unjoni, fir-relazzjonijiet tagħha mal-bqija tad-dinja, għandha ssostni u tippromwovi l-valuri u l-interessi tagħha u tikkontribwixxi għall-protezzjoni taċ-ċittadini tagħha. Barra minn hekk, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom ambjent ta' investiment miftuħ, li huwa minqux fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u inkorporat fl-impenji internazzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.

(3) Madankollu, taħt l-impenji internazzjonali meħuda fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), u l-ftehimiet ta' kummerċ u investiment konklużi ma' pajjiżi terzi, huwa possibbli għall-Unjoni u l-Istati Membri li jirrestrinġu l-investimenti diretti barranin. (IDB) għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku, soġġetti għal ċerti rekwiżiti.

---

1 ĠU C , , p. .

2 ĠU C , , p. .

3 Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/EC (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39–98 , ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj)

(4) F'konformità mar-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4], ġie stabbilit qafas għall-iskrinjar tal-IDB fl-Unjoni mill-Istati Membri. B'mod partikolari, dak ir-Regolament stabbilixxa mekkaniżmu ta' kooperazzjoni li jippermetti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiskambjaw informazzjoni dwar l-IDB u jqajmu tħassib dwar ir-riskji għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku. Dak il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni kien jirrikjedi li l-Istat Membru fejn l-IDB kien ippjanat jew ikkompletat iqis kif xieraq il-kummenti maħruġa minn Stati Membri oħra u l-opinjoni maħruġa mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-iskrinjar tagħha.

(5) Il-qafas stabbilit f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/452 laħaq l-objettiv tiegħu li jipprovdi mekkaniżmu formali għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni biex jiskambjaw informazzjoni dwar l-IDB u biex iqajmu kuxjenza dwar ir-riskji transfruntiera għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku li jirriżultaw minn ċertu IDB.

(6) Madankollu, huwa meħtieġ strument leġiżlattiv ġdid biex jissaħħu l-effiċjenza u l-effettività tar-Regolament (UE) 2019/452 u jiġi żgurat livell ogħla ta' armonizzazzjoni madwar l-Unjoni.

(7) Ċerti investimenti mhux koperti mir-Regolament (UE) 2019/452 jistgħu joħolqu riskji għas-sigurtà u l-ordni pubbliku tal-Unjoni. B'mod partikolari, dan jikkonċerna ċerti investimenti mwettqa fi Stati Membri li ma għandhomx mekkaniżmu ta' skrinjar; investimenti mwettqa fi Stati Membri li għandhom mekkaniżmu ta' skrinjar li l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu ma jinkludix ċerti investimenti sensittivi; u investimenti li jsiru minn investituri barranin permezz ta' sussidjarja stabbilita fl-Unjoni u li potenzjalment jippreżentaw l-istess riskji għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku bħall-investimenti diretti magħmula minn pajjiżi terzi.

(8) Maġġoranza sinifikanti tal-Istati Membri, iżda mhux kollha, għandhom strument leġiżlattiv fis-seħħ li jipprevedi mekkaniżmu għall-iskrinjar tal-IDB. F'ħafna Stati Membri, il-liġijiet nazzjonali jestendu wkoll għall-iskrinjar tal-investimenti intra-Unjoni. Fost l-Istati Membri, hemm differenzi sostanzjali fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, il-limiti u l-kriterji użati biex jiġi vvalutat jekk investiment huwiex probabbli li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. Hemm ukoll differenzi fil-proċessi ta' skrinjar. F'ċerti Stati Membri, l-investiment jista' jiġi implimentat qabel ma jkun irċieva approvazzjoni fir-rigward tal-impatt fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku. Madankollu, oħrajn jeħtieġu li l-investiment jiġi ffinalizzat biss wara awtorizzazzjoni skont il-mekkaniżmu ta' skrinjar. Diverġenzi bħal dawn joħolqu problema għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern. Pereżempju, joħolqu kundizzjonijiet mhux ekwi u jżidu l-kostijiet tal-konformità għall-investituri li jfittxu li jinnotifikaw tranżazzjonijiet f'aktar minn Stat Membru wieħed. Dan ir-Regolament jgħin fit-tnaqqis tad-diverġenzi dwar l-elementi ewlenin tal-mekkaniżmi implimentati fil-livell nazzjonali. Dan huwa kruċjali biex tiġi żgurata l-prevedibbiltà għall-investituri dwar ir-reġimi nazzjonali applikabbli u l-karatteristiċi tagħhom, u b'hekk jitnaqqsu l-kostijiet tal-konformità assoċjati. Dan huwa aktar u aktar rilevanti meta jitqies il-livell ta' integrazzjoni tas-suq intern, li jista' jirriżulta f'tranżazzjoni waħda li jkollha impatt fuq diversi Stati Membri madwar l-Unjoni. Pereżempju huwa possibbli li tranżazzjoni mmirata lejn l-akkwist ta' kumpanija fil-mira fi Stat Membru wieħed taffettwa wkoll is-sigurtà u l-ordni pubbliku fi Stat Membru ieħor, minħabba l-

[4] Ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni (ĠU L 79I, 21.3.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/452/oj).

istruttura tal-katina tal-provvista jew elementi ekonomiċi oħra li jgħaqqdu l-mira ma' kumpaniji oħra bbażati fi Stati Membri differenti. Sabiex jiġu indirizzati dawn il-problemi tas-suq intern u jiġu żgurati konsistenza u prevedibbiltà akbar, huwa xieraq li l-kriterji u l-elementi li għandhom jintużaw għall-valutazzjoni tal-investimenti barranin jiġu stabbiliti permezz ta' azzjoni tal-Unjoni.

(9) Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-iskrinjar tal-investiment barrani madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jkunu meħtieġa jiskrinjaw l-investimenti barranin għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku. Għalhekk, l-elementi ewlenin tal-mekkaniżmi nazzjonali ta' skrinjar jenħtieġ li jiġu armonizzati. Dik l-armonizzazzjoni minima tinkludi l-kamp ta' applikazzjoni tal-investimenti li għandhom jiġu skrinjati, il-karatteristiċi essenzjali tal-proċedura ta' skrinjar, u l-interazzjoni bejn il-mekkaniżmu nazzjonali u l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni tal-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' skrinjar nazzjonali tagħhom biex jinkludi tipi oħra ta' investimenti barranin, investimenti barranin f'setturi oħra, entitajiet fil-mira tal-Unjoni jew attivitajiet ekonomiċi addizzjonali li l-Istat Membru rilevanti jqis kritiċi għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku tiegħu. Meta jagħmlu dan, tali skrinjar jenħtieġ li jikkonforma wkoll mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

(10) Ir-Regolament (UE) 2019/452 ikopri biss IDB magħmula minn pajjiżi terzi fl-Unjoni. Madankollu, huwa meħtieġ ukoll li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għall-investimenti li jsiru bejn l-Istati Membri, fejn l-investitur fi Stat Membru wieħed ikun ikkontrollat, direttament jew indirettament, minn entità barranija irrispettivament minn jekk is-sid aħħari jkunx jinsab fl-Unjoni jew xi mkien ieħor. B'mod partikolari, dan il-kamp ta' applikazzjoni estiż huwa xieraq biex jiġi żgurat li kwalunkwe investiment li joħloq rabta dejjiema bejn l-investitur barrani u l-entità fil-mira tal-Unjoni, kemm jekk jitwettaq direttament minn investitur barrani kif ukoll jekk permezz ta' entità stabbilita fl-Unjoni u kkontrollata minn investitur barrani, jinqabad u jiġi vvalutat b'mod konsistenti. Dan jenħtieġ li jrawwem il-konsistenza u l-prevedibbiltà tar-regoli tal-iskrinjar fl-Istati Membri kollha, li min-naħa tagħhom se jnaqqsu l-kostijiet tal-konformità għall-investituri barranin u jillimitaw l-inċentivi biex jiġi mmirat investiment fi Stati Membri fejn tali tranżazzjonijiet huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni.

(11) L-investimenti fl-entitajiet fil-mira tal-Unjoni mwettqa minn investituri barranin, inklużi investimenti eżegwiti permezz ta' entità kkontrollata fl-Unjoni, jistgħu jippreżentaw riskji speċifiċi għas-sigurtà u l-ordni pubbliku fl-Unjoni u fl-Istati Membri tagħha. Tali riskji relatati mal-investitur jenħtieġ li ma jkunux preżenti u għalhekk ma għandhomx għalfejn jiġu indirizzati f'investiment li jinvolvi biss entitajiet fejn ma jkun hemm l-ebda sjieda, kontroll, konnessjoni ma' jew influwenza minn investituri barranin, inkluż meta investitur barrani jipparteċipa fl-entità tal-Unjoni mingħajr sehem ta' kontroll. L-evitar ta' kwalunkwe diverġenza fir-regoli applikabbli għat-trattament ta' investimenti barranin, irrispettivament minn jekk dawn isirux minn barra l-Unjoni direttament jew permezz ta' entità diġà stabbilita fl-Unjoni, huwa meħtieġ biex jiġi żgurat qafas koerenti ta' skrinjar tal-investiment u l-mekkaniżmu ta' kontroll tal-Unjoni. Dan il-qafas jirrifletti l-importanza tal-protezzjoni tas-sigurtà u l-ordni pubbliku u huwa esklussivament immirat lejn riskji li jistgħu jirriżultaw minn investimenti li jinvolvu entitajiet barranin. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw mill-inqas l-iskrinjar ta' dawk l-investimenti barranin, li jkunu relatati ma' proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni jew fejn l-entità fil-mira tal-Unjoni tkun attiva f'oqsma, fejn investiment barrani jista' jaffettwa s-sigurtà jew l-

ordni pubbliku f'aktar minn Stat Membru wieħed. L-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jkunu jistgħu jiskrinjaw investimenti barranin oħra. Meta jagħmlu dan, tali skrinjar jenħtieġ li jikkonforma wkoll mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Tranżazzjonijiet bl-ebda involviment ta' investitur barrani jew li fihom il-livell ta' involviment ma jwassalx għall-kontroll dirett jew indirett tal-entità tal-Unjoni mhumiex koperti minn dan ir-Regolament.

(12) L-iskrinjar tal-investimenti barranin jenħtieġ li jitwettaq f'konformità ma' dan ir-Regolament, filwaqt li titqies l-informazzjoni fattwali kollha disponibbli u b'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u prinċipji oħra minquxa fit-Trattati. Barra minn hekk, l-iskrinjar tal-investimenti barranin li jitwettqu permezz ta' sussidjarji tal-investitur barrani stabbilit fl-Unjoni jenħtieġ li fil-każijiet kollha jikkonforma mar-rekwiżiti li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-libertà tal-istabbiliment u l-moviment liberu tal-kapital, kif interpretati fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, b'mod konsistenti mal-objettiv li jiġi ppreservat suq intern miftuħ u inklużiv. Kwalunkwe restrizzjoni għal-libertà tal-istabbiliment u l-moviment liberu tal-kapital fl-Unjoni, inklużi l-iskrinjar u l-miżuri li jirriżultaw mill-iskrinjar, bħal miżuri ta' mitigazzjoni u projbizzjonijiet, jenħtieġ li jkunu bbażati fuq theddida ġenwina u serja biżżejjed għal interess fundamentali tas-soċjetà, u jenħtieġ li jkunu xierqa u meħtieġa kif stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fl-istess ħin, meta jiġu vvalutati l-ġustifikazzjoni u l-proporzjonalità ta' restrizzjoni, l-ispeċifiċitajiet tal-investimenti fl-Unjoni operati permezz ta' sussidjarja ta' investitur barrani jistgħu jitqiesu meta tiġi vvalutata kwalunkwe restrizzjoni fuq il-libertà tal-istabbiliment jew fuq il-moviment liberu tal-kapital, inkluż fejn xieraq fi kwalunkwe opinjoni tal-Kummissjoni adottata skont dan ir-Regolament. Dan jenħtieġ li jsir b'kont meħud tal-integrazzjoni tal-iskemi tal-Istati Membri f'mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għall-Unjoni kollha.

(13) Sabiex il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni stabbilit f'dan ir-Regolament ikun jista' jiffunzjona b'mod effiċjenti u effettiv, huwa meħtieġ li jiġi definit kamp ta' applikazzjoni komuni minimu għall-investimenti barranin li l-Istati Membri kollha jenħtieġ li jinnotifikaw lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jibqgħu liberi li jinnotifikaw l-investimenti barranin barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(14) Huwa meħtieġ ukoll li l-Istat Membru fejn l-investiment barrani jkun ippjanat jew ikkompletat isir aktar responsabbli lejn il-Kummissjoni u lejn dawk l-Istati Membri li jesprimu tħassib debitament ġustifikat dwar l-ordni pubbliku jew is-sigurtà pubblika tagħhom jew tal-Unjoni.

(15) Il-qafas komuni stabbilit f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà esklużiva tal-Istati Membri li jissalvagwardjaw is-sigurtà nazzjonali tagħhom kif previst fl-Artikolu 4(2) TUE. Jenħtieġ li jkun ukoll mingħajr preġudizzju għall-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħhom f'konformità mal-Artikolu 346 TFUE.

(16) L-investimenti barranin li joħolqu jew iżommu rabtiet dejjiema u diretti bejn investituri minn pajjiżi terzi (inklużi korpi statali) u l-entitajiet fil-mira tal-Unjoni li jwettqu attività ekonomika fi Stat Membru jenħtieġ li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dan jenħtieġ li japplika meta dawk l-investimenti jitwettqu direttament minn pajjiżi terzi jew minn entità tal-Unjoni b'kontroll barrani. Madankollu, il-qafas jenħtieġ li ma jkoprix l-akkwist ta' titoli ta' kumpanija maħsuba purament għall-investiment finanzjarju mingħajr l-intenzjoni li jinfluwenza l-ġestjoni

u l-kontroll tal-impriża (investimenti tal-portafoll). L-operazzjonijiet ta' ristrutturar fi ħdan grupp ta' kumpaniji jew fużjoni ta' aktar minn entità ġuridika waħda f'entità ġuridika waħda ma jikkostitwixxux investiment barrani, dment li ma jkun hemm l-ebda żieda fl-ishma miżmuma minn investituri barranin, jew it-tranżazzjoni ma tirriżultax fi drittijiet addizzjonali li jistgħu jwasslu għal bidla fil-parteċipazzjoni effettiva ta' investitur barrani wieħed jew aktar fil-ġestjoni jew fil-kontroll ta' entità fil-mira tal-Unjoni.

(17) Investimenti barranin f'żoni ġodda jseħħu meta l-investitur barrani jew is-sussidjarju ta' investitur barrani fl-Unjoni jistabbilixxi faċilitajiet ġodda jew impriża ġdida fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-investimenti barranin f'żoni ġodda jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sal-punt li jitqiesu rilevanti minn Stat Membru għall-fini tal-iskrinjar tal-investimenti barranin minħabba li joħolqu rabtiet dejjiema u diretti bejn investitur barrani u tali faċilitajiet jew tali impriżi. Barra minn hekk, bl-istabbiliment ta' faċilitajiet ġodda, investitur barrani jista' jkollu impatt fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku, inkluż meta dak ir-riskju jikkonċerna inputs ekonomiċi essenzjali. Għalhekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jinkludu investimenti barranin ġodda fil-kamp ta' applikazzjoni tat-tranżazzjonijiet koperti mill-mekkaniżmi ta' skrinjar tagħhom, b'mod partikolari meta tali investimenti jseħħu f'setturi rilevanti għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku tagħhom jew meta jippreżentaw karatteristiċi bħad-daqs jew in-natura essenzjali li għandhom ikunu rilevanti għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku tagħhom.

(18) Sabiex jiġu żgurati proċessi ta' skrinjar konsistenti u prevedibbli, huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-karatteristiċi essenzjali tal-mekkaniżmi ta' skrinjar li għandhom jiġu implimentati mill-Istati Membri. Dawk il-karatteristiċi jenħtieġ li tal-anqas jinkludu l-kamp ta' applikazzjoni tat-tranżazzjonijiet li jkunu soġġetti għal rekwiżit ta' awtorizzazzjoni, skadenzi għall-iskrinjar u l-possibbiltà għall-impriżi kkonċernati mid-deċiżjoni tal-iskrinjar li jfittxu rikors kontra tali deċiżjonijiet. Ir-regoli u l-proċeduri relatati ma' mekkaniżmi ta' skrinjar jenħtieġ li jkunu trasparenti u ma jiddiskriminawx bejn pajjiżi terzi.

(19) Il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni stabbilit fir-Regolament (UE) 2019/452 jippermetti lill-Istati Membri jikkooperaw u jgħinu lil xulxin meta investiment dirett barrani fi Stat Membru wieħed jista' jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku ta' Stati Membri oħra jew ta' proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni. S'issa dan il-mekkaniżmu wera li huwa utli ħafna, u għalhekk jenħtieġ li jinżamm u jissaħħaħ skont dan ir-Regolament.

(20) Sabiex jiġi żgurat li l-investimenti barranin li x'aktarx jaffettwaw b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku fl-Unjoni jiġu identifikati b'mod adegwat, jenħtieġ li l-Istati Membri jiskrinjaw l-investimenti barranin meta l-entità fil-mira tal-Unjoni tkun parti minn jew tipparteċipa fi proġett jew programm ta' interess għall-Unjoni jew meta l-attività ekonomika fil-mira tal-Unjoni tkun relatata ma' teknoloġija, assi, faċilità, tagħmir, network, sistema jew servizz ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni. Minbarra dawn il-kriterji, il-mekkaniżmi ta' skrinjar jistgħu japplikaw għal setturi, entitajiet fil-mira tal-Unjoni jew attivitajiet ekonomiċi oħra li l-Istat Membru rilevanti jqis kritiċi għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku tiegħu.

(21) Sabiex jiġi żgurat li l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni jiffoka biss fuq dawk l-investimenti barranin fejn il-karatteristiċi tal-investitur barrani jew l-entità fil-mira tal-Unjoni jagħmlu effett fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku probabbli, huwa xieraq li jiġu

stabbiliti kundizzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju għan-notifika tal-investimenti barranin li jkunu għaddejjin minn skrinjar fi Stat Membru lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni. Meta investiment barrani ma jissodisfa l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet, l-Istat Membru fejn l-investiment barrani jkun qed jiġi skrinjat jista' jinnotifika l-investiment barrani lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni, inkluż meta l-entità fil-mira tal-Unjoni jkollha operazzjonijiet sinifikanti fi Stati Membri oħra, jew tkun tappartjeni għal grupp korporattiv li jkollu diversi kumpaniji fi Stati Membri differenti.

(22) Sabiex jiġi żgurat li l-effett probabbli ta' investimenti barranin fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku ta' Stat Membru wieħed jew aktar jiġi identifikat b'mod adegwat, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu kummenti lil Stat Membru li fih ikun ippjanat jew tlesta investiment barrani anki jekk dak l-Istat Membru ma jkunx qed jiskrinja dak l-investiment barrani jew jekk l-investiment barrani jiġi skrinjat iżda mhux innotifikat lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni. It-talbiet għal informazzjoni, tweġibiet u kummenti mill-Istati Membri jenħtieġ li jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni fl-istess ħin.

(23) Sabiex jiġi żgurat li l-effett probabbli ta' investiment barrani fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku ta' aktar minn Stat Membru wieħed jew tal-Unjoni kollha kemm hi jiġi identifikat b'mod adegwat, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Kummissjoni li toħroġ opinjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 288 tat-TFUE lill-Istat Membru li fih l-investiment barrani jkun ippjanat jew tlesta, anki jekk dak l-investiment barrani ma jkunx qed jiġi skrinjat f'dak l-Istat Membru jew jekk dak l-investiment barrani jiġi skrinjat iżda mhux innotifikat lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni.

(24) Barra minn hekk, biex tippermetti l-protezzjoni tas-sigurtà jew tal-ordni pubbliku fejn l-effett probabbli jirriżulta minn investiment barrani f'entità fil-mira tal-Unjoni li tipprevedi l-iżvilupp, il-manutenzjoni jew l-akkwist ta' infrastruttura, teknoloġiji jew inputs, li huma kritiċi għall-Unjoni kollha kemm hi, jenħtieġ li l-Kummissjoni titħalla toħroġ opinjoni. Dan iservi ta' għodda għall-Kummissjoni biex tipproteġi proġetti u programmi li jservu l-Unjoni kollha kemm hi u jirrappreżenta kontribut importanti għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni. Opinjoni tal-Kummissjoni li tidentifika l-impatt probabbli fuq proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku jenħtieġ li tiġi nnotifikata lill-Istati Membri kollha.

(25) Barra minn hekk, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Kummissjoni li tadotta opinjoni indirizzata lill-Istati Membri kollha jekk tidentifika diversi investimenti barranin li, meħuda flimkien, x'aktarx ikollhom impatt fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni. Dan jista' jkun il-każ b'mod partikolari fejn diversi investimenti barranin jippreżentaw karatteristiċi komparabbli. Dawn jinkludu fejn l-investimenti barranin isiru mill-istess investitur barrani, jew investituri barranin li jippreżentaw riskji simili, jew fejn diversi investimenti barranin jikkonċernaw l-istess mira jew l-istess infrastruttura, inkluża l-infrastruttura trans-Ewropea għat-trasport, l-enerġija u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiddiskutu l-analiżi tar-riskju u l-modi possibbli biex jiġu indirizzati r-riskji identifikati fl-opinjoni.

(26) Sabiex tiġi protetta s-sigurtà jew l-ordni pubbliku filwaqt li tiġi pprovduta ċertezza akbar lill-investituri, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jagħmlu kummenti u l-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha l-possibbiltà li toħroġ opinjoni dwar l-investimenti barranin li jkunu tlestew iżda li ma jkunux ġew innotifikati sa 15-il xahar wara t-tlestija tal-investiment barrani.

(27) Għal aktar ċarezza, il-lista ta' proġetti jew programmi ta' interess tal-Unjoni jenħtieġ li tkun elenkata fl-Anness I. Dawn jenħtieġ li jinkludu kwalunkwe investiment barrani li jsir fuq in-networks trans-Ewropej tat-trasport, l-enerġija u l-komunikazzjoni, kif ukoll programmi li jipprovdu finanzjament għar-riċerka u l-iżvilupp għal attivitajiet rilevanti għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni. Minħabba l-importanza ta' dawn il-proġetti u l-programmi għas-sigurtà u l-ordni pubbliku tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jiskrinjaw l-investimenti barranin f'impriżi tal-Unjoni li huma parti minn dawn il-proġetti jew programmi jew li jipparteċipaw fihom, inklużi dawk li jirċievu finanzjament mill-Unjoni.

(28) Sabiex jiġi żgurat li l-effett probabbli ta' investiment barrani fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku ta' Stat Membru wieħed jew aktar jiġi indirizzat b'mod adegwat, l-Istati Membri li jirċievu kummenti debitament ġustifikati minn Stati Membri oħra jew opinjoni mill-Kummissjoni jenħtieġ li jagħtu l-akbar kunsiderazzjoni lil tali kummenti jew opinjoni, inkluż meta jqisu li s-sigurtà jew l-ordni pubbliku tagħhom stess ma jkunux affettwati. L-Istat Membru jenħtieġ li jikkoordina mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri kkonċernati jekk ikun meħtieġ u jipprovdilhom feedback bil-miktub dwar id-deċiżjoni meħuda u kif il-kummenti u l-opinjoni jkunu ngħataw l-akbar kunsiderazzjoni. Id-Deċiżjoni finali dwar l-investimenti barranin jenħtieġ li tibqa' r-responsabbiltà unika tal-Istat Membru fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta.

(29) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, huwa importanti li jkun meħtieġ li l-Istat Membru li jinnotifika l-investiment barrani lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni jipprovdi livell minimu ta' informazzjoni f'format standardizzat. Fejn il-kooperazzjoni tikkonċerna investiment barrani mhux innotifikat lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, l-Istat Membru fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta jenħtieġ li jkun jista' jipprovdi mill-inqas l-istess livell minimu ta' informazzjoni. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jitolbu informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru fejn l-investiment barrani jkun ippjanat jew tlesta. Tali talba għal informazzjoni addizzjonali jenħtieġ li tkun debitament ġustifikata, limitata għall-informazzjoni meħtieġa biex l-Istati Membri jipprovdu kummenti jew biex il-Kummissjoni toħroġ opinjoni, proporzjonata għall-fini tat-talba u mhux ta' piż bla bżonn għall-Istat Membru notifikanti.

(30) Sabiex jiġi żgurat li l-kooperazzjoni tkun ibbażata fuq informazzjoni kompluta u preċiża, investitur barrani jew impriża jenħtieġ li jipprovdu kwalunkwe informazzjoni rilevanti mitluba mill-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti jew mill-Istat Membru fejn l-investiment barrani jkun ippjanat jew tlesta. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, meta, minkejja l-aħjar sforzi tiegħu, Stat Membru ma jkunx jista' jikseb informazzjoni mitluba minn Stat Membru ieħor jew mill-Kummissjoni, jenħtieġ li jinnotifikahom mingħajr dewmien. F'każ bħal dan, kwalunkwe kumment maħruġ minn Stat Membru ieħor, jew kwalunkwe opinjoni maħruġa mill-Kummissjoni bħala parti mill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni jenħtieġ li jkunu bbażati fuq l-informazzjoni disponibbli għalihom.

(31) Sabiex jiġi żgurat li l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni jintuża biss għall-fini tal-protezzjoni tas-sigurtà jew tal-ordni pubbliku, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġġustifikaw kif xieraq kwalunkwe talba għal informazzjoni dwar investiment barrani speċifiku fi Stat Membru ieħor u kwalunkwe kumment li joħorġu lil dak l-Istat Membru. L-istess rekwiżiti japplikaw meta l-Kummissjoni titlob informazzjoni dwar investiment barrani partikolari jew toħroġ opinjoni lil Stat Membru.

(32) L-Istati Membri jew il-Kummissjoni, kif adatt, jistgħu jqisu informazzjoni rilevanti riċevuta minn operaturi ekonomiċi, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, sħab soċjali (bħal trade unions) dwar investiment barrani li x'aktarx jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku.

(33) Stat Membru fejn ikun ippjanat jew tlesta investiment barrani jista' jinforma lill-Istati Membri l-oħra jew lill-Kummissjoni jekk jixtieqhom janalizzaw aktar aspett wieħed jew aktar ta' investiment barrani li l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni qed jivvaluta jew isir konxju ta' ċirkostanzi ġodda jew informazzjoni ġdida li jista' jkollha impatt fuq il-valutazzjoni tal-investiment barrani. L-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni jistgħu mbagħad jingħataw żmien addizzjonali biex jikkomplementaw il-valutazzjoni tagħhom tal-investiment barrani.

(34) Sabiex jiġu żgurati l-effiċjenza u l-effettività tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, huwa meħtieġ li l-iskadenzi u l-proċeduri jiġu allinjati meta diversi investimenti barranin marbuta mal-istess tranżazzjoni usa' jiġu skrinjati f'diversi Stati Membri. F'tali tranżazzjonijiet multinazzjonali, l-applikant jenħtieġ li jippreżenta t-talbiet differenti għall-awtorizzazzjoni fl-Istati Membri kkonċernati simultanjament. Barra minn hekk, jenħtieġ li dawk l-Istati Membri jinnotifikaw it-talbiet simultanjament lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni. Sabiex jiġi żgurat trattament effiċjenti ta' dawn it-tranżazzjonijiet multinazzjonali, l-Istati Membri kkonċernati jenħiteġ li jikkoordinaw u jaqblu dwar jekk l-investimenti barranin humiex notifikabbli u meta jenħtieġ li jiġu nnotifikati. Barra minn hekk, l-Istati Membri kkonċernati jenħtieġ li jikkoordinaw ukoll dwar id-deċiżjoni finali. Jekk l-Istati Membri kkonċernati jkollhom l-intenzjoni li jawtorizzaw l-investiment barrani b'kundizzjonijiet, jenħtieġ li jiżguraw li dawn il-kundizzjonijiet ikunu kompatibbli ma' xulxin u jindirizzaw ir-riskji transfruntiera b'mod adegwat. Qabel ma jipprojbixxu investiment barrani, l-Istati Membri kkonċernati jenħtieġ li jikkunsidraw jekk awtorizzazzjoni kondizzjonali b'miżuri koordinati u l-infurzar koordinat tagħhom hijiex biżżejjed biex tindirizza l-effett probabbli fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tipparteċipa f'tali koordinazzjoni.

(35) Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-iskrinjar tal-investimenti madwar l-Unjoni, huwa essenzjali li l-istandards u l-kriterji użati biex jiġu vvalutati r-riskji probabbli għas-sigurtà u l-ordni pubbliku jkunu dawk stabbiliti fil-livell tal-Unjoni f'dan ir-Regolament. Dawk jenħtieġ li jinkludu l-impatt fuq is-sigurtà, l-integrità u l-funzjonament tal-infrastruttura kritika, id-disponibbiltà ta' teknoloġiji kritiċi (inklużi teknoloġiji abilitanti essenzjali) u l-provvista kontinwa ta' inputs kritiċi għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku, li t-tfixkil, il-falliment, it-telf jew il-qerda tagħhom ikollhom impatt sinifikanti fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku fi Stat Membru wieħed jew aktar jew fuq l-Unjoni kollha kemm hi. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jqisu wkoll il-kuntest u ċ-ċirkostanzi tal-investiment barrani. Dan jenħtieġ li jinkludi, b'mod partikolari, jekk investitur huwiex ikkontrollat direttament jew indirettament, pereżempju permezz ta' finanzjament sinifikanti, mill-gvern ta' pajjiż terz jew huwiex involut fl-ilħuq tal-objettivi ta' politika ta' pajjiżi terzi biex jiġu ffaċilitati l-kapaċitajiet militari tagħhom. F'dan il-kuntest, jekk applikabbli, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jikkunsidraw ukoll għaliex l-investitur barrani, is-sid benefiċjarju tiegħu jew kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tiegħu jew persuna li taġixxi f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' tali investitur barrani huma soġġetti għal kwalunkwe tip ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni skont l-Artikolu 215 tat-TFUE.

(36) Meta l-Istat Membru fejn ikun ippjanat jew tlesta l-investiment barrani jqis li investiment barrani x'aktarx jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku

fl-Unjoni, huwa xieraq li dak l-Istat Membru jintalab jieħu miżuri xierqa biex itaffi r-riskji, fejn tali miżuri jkunu disponibbli, u jqis li dawn ikunu adegwati, filwaqt li jitqiesu bis-sħiħ il-kummenti maħruġa minn Stati Membri oħra u l-opinjoni maħruġa mill-Kummissjoni, jekk applikabbli. Jenħtieġ li l-investimenti barranin ikunu pprojbiti biss fuq bażi eċċezzjonali, u fejn il-miżuri ta' mitigazzjoni jew il-miżuri disponibbli skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali għajr il-mekkaniżmu ta' skrinjar ma jkunux biżżejjed biex itaffu l-effett fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku.

(37) Sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u jitrawwem l-iskambju ta' prattiki tajba fost l-Istati Membri, jenħtieġ li jinżamm il-grupp ta' esperti dwar l-iskrinjar tal-investimenti barranin stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2019/452.

(38) Jenħtieġ li l-Istati Membri jinnotifikaw il-mekkaniżmi ta' skrinjar tagħhom u kwalunkwe emenda għalihom lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li jirrapportaw lill-pubbliku dwar l-applikazzjoni tal-mekkaniżmi tal-iskrinjar tagħhom kull sena dwar l-iżviluppi leġiżlattivi rilevanti u l-attivitajiet tal-awtorità tal-iskrinjar, inkluża *data* aggregata dwar it-tranżazzjonijiet skrinjati, l-eżitu tal-proċeduri ta' skrinjar, in-nazzjonalitajiet tal-partijiet għall-investimenti barranin u s-setturi ekonomiċi li fihom seħħew dawk it-tranżazzjonijiet.

(39) Sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tal-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni, il-punti ta' kuntatt stabbiliti mill-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jitqiegħdu b'mod xieraq fl-amministrazzjonijiet rispettivi. Il-punti ta' kuntatt jenħtieġ li jkollhom il-persunal kwalifikat u s-setgħat meħtieġa biex iwettqu l-ħidma tagħhom taħt il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u jiżguraw trattament xieraq tal-informazzjoni kunfidenzjali.

(40) L-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jiġu inkoraġġuti jikkooperaw mal-awtoritajiet responsabbli ta' pajjiżi terzi li huma tal-istess fehma dwar kwistjonijiet relatati mal-iskrinjar ta' investimenti barranin li jistgħu jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. Tali kooperazzjoni amministrattiva jenħtieġ li jkollha l-għan li ssaħħaħ l-effettività tal-qafas għall-iskrinjar ta' investimenti barranin mill-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tinżamm infurmata dwar tali kuntatti bilaterali sal-punt li jkunu relatati ma' kwistjonijiet sistemiċi relatati mal-iskrinjar tal-investiment. Jenħtieġ li jkun ukoll possibbli għall-Kummissjoni li timmonitorja l-iżviluppi fir-rigward tal-mekkaniżmi ta' skrinjar f'pajjiżi terzi.

(41) L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li jipprovdu jew jirċievu fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, f'konformità mal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni. Fejn l-iżvelar mhux awtorizzat ta' informazzjoni jikkawża gradi differenti ta' preġudizzju għall-interessi tal-Unjoni Ewropea, jew ta' Stat Membru wieħed jew aktar, l-oriġinatur tal-informazzjoni jenħtieġ li jikklassifika l-informazzjoni f'konformità mal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni. Meta jwieġbu għal talbiet ta' aċċess għal dokumenti ttrattati fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkoordinaw u jipprovdu mill-inqas il-livell ta' protezzjoni tal-interessi protetti disponibbli skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001[5], bil-ħsieb li jiġi protett l-għan tal-investigazzjonijiet. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex

[5] Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43-48, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2001/1049/oj).

tiżgura l-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali f'konformità, b'mod partikolari, mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443[6] u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444[7]. Bl-istess mod, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw il-konformità mal-Ftehim bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata skambjata fl-interessi tal-Unjoni[8]. Dan jinkludi, b'mod partikolari, l-obbligu li ma jkunx hemm tnaqqis fil-grad jew id-deklassifikazzjoni ta' informazzjoni klassifikata mingħajr il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-oriġinatur. Kwalunkwe informazzjoni sensittiva li mhijiex klassifikata jew informazzjoni li tingħata fuq bażi kunfidenzjali jenħtieġ li tiġi ttrattata bħala tali mill-awtoritajiet.

(42) Kwalunkwe pproċessar ta' *data* personali skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni ta' *data* personali. L-ipproċessar ta' *data* personali mill-punti ta' kuntatt u entitajiet oħra fl-Istati Membri jenħtieġ li jsir f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9]. L-ipproċessar ta' *data* personali mill-Kummissjoni jenħtieġ li jsir f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10].

(43) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tfassal rapport annwali dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Għal aktar trasparenza, ir-rapport jenħtieġ li jsir pubbliku. Ir-rapport jenħtieġ li jkun ibbażat, fost affarijiet oħra, fuq rapporti ppreżentati mill-Istati Membri kollha lill-Kummissjoni fuq bażi kunfidenzjali bir-rispett dovut għall-ħtieġa li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-kunfidenzjalità ta' ċerta informazzjoni, b'mod partikolari fejn il-pubblikazzjoni tad-*data* tista' taffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni jew tipperikola l-kunfidenzjalità kummerċjali.

(44) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tevalwa l-funzjonament u l-effettività ta' dan ir-Regolament 5 snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u kull 5 snin wara dan u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak ir-rapport jenħtieġ li jinkludi valutazzjoni ta' jekk dan ir-Regolament jeħtieġx jiġi emendat jew le. Fejn ir-rapport jipproponi l-emendar ta' dan ir-Regolament, huwa jista' jiġi akkumpanjat minn proposta leġislattiva.

(45) L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mill-Unjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li tkun f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti għall-impożizzjoni ta' miżuri restrittivi għal

---

6 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar is-Sigurtà fil-Kummissjoni (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 41, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/443/oj).

7 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-Sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/444/oj).

8 Il-Ftehim bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata skambjata fl-interessi tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 202, 8.7.2011, p. 13).

9 Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

10 Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

raġunijiet ta' sigurtà u ordni pubbliku stabbiliti fil-ftehimiet tad-WTO, inkluż, b'mod partikolari, l-Artikolu XIV(a) u l-Artikolu XIV bis tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi[11] (GATS). Jenħtieġ li din tkun f'konformità wkoll mat-Trattati tal-Unjoni u tkun konsistenti mal-impenji meħuda taħt ftehimiet kummerċjali u ta' investiment oħra li għalihom ikunu Partijiet l-Unjoni jew l-Istati Membri u arranġamenti kummerċjali u ta' investiment li għalihom ikunu aderenti l-Unjoni jew l-Istati Membri.

(46) Meta investiment barrani jikkostitwixxi konċentrazzjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004[12], jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 21(4) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Jenħtieġ li dan ir-Regolament u l-Artikolu 21(4) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 jiġu applikati b'mod konsistenti. Sa fejn il-kamp ta' applikazzjoni rispettiv ta' dawk iż-żewġ Regolamenti jikkoinċidi, jenħtieġ li r-raġunijiet għall-iskrinjar stabbiliti fl-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament u l-kunċett ta' interessi leġittimi fis-sens tal-Artikolu 21(4), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 jiġu interpretati b'mod koerenti, mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżuri nazzjonali li għandhom l-għan li jipproteġu dawk l-interessi bil-prinċipji ġenerali u dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni.

(47) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jaffettwax ir-regoli tal-Unjoni dwar il-valutazzjoni prudenzjali ta' akkwisti ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji kwalifikanti fis-settur finanzjarju, stabbiliti mid-Direttivi 2009/138/KE[13], 2013/36/UE[14] u 2014/65/UE[15] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li hija proċedura distinta b'objettiv speċifiku.

(48) L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun konsistenti ma' u mingħajr preġudizzju għal proċeduri oħra ta' notifika u ta' awtorizzazzjoni stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni titħalla tuża l-informazzjoni nnotifikata mill-Istati Membri lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni biex teżerċita r-rwol tagħha ta' sorveljanza tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 17 tat-TUE.

(49) Sabiex jitqiesu l-iżviluppi relatati ma' proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni u sabiex tiġi adattata l-lista ta' teknoloġiji, assi, faċilitajiet, tagħmir, networks, sistemi, servizzi u attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendi

---

11 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1).

12 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/139/oj).

13 Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvenza II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/138/oj).

14 Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2013/36/oj).

15 Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/65/oj).

għall-Annessi għal dan ir-Regolament. Il-lista ta' proġetti u programmi ta' interess għall-Unjoni stabbilita fl-Anness I jenħtieġ li tkopri proġetti jew programmi koperti mid-dritt tal-UE li jipprevedu l-iżvilupp, il-manutenzjoni jew l-akkwist ta' infrastruttura kritika, teknoloġiji kritiċi jew inputs kritiċi li huma essenzjali għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku. Il-lista ta' teknoloġiji, assi, faċilitajiet, tagħmir, networks, sistemi, servizzi u attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni stabbiliti fl-Anness II jenħtieġ li tinkludi oqsma fejn investiment barrani jista' jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku f'aktar minn Stat Membru wieħed jew fl-Unjoni kollha kemm hi permezz ta' entità fil-mira tal-Unjoni, li ma tipparteċipax fi jew ma tirċevix fondi minn proġett jew programm ta' interess għall-Unjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[16]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(50) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-forma li għandha tintuża biex tiġi pprovduta informazzjoni minima dwar l-investimenti barranin, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17].

(51) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 2019/452 jitħassar. Sabiex l-Istati Membri u l-entitajiet ikollhom biżżejjed żmien biex iħejju għall-implimentazzjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika minn [żid id-data: 15-il xahar wara d-dħul fis-seħħ]. Fil-perjodu tranżitorju bejn id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, ir-Regolament (UE) 2019/452 jenħtieġ li jkompli japplika,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU 1
DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas tal-Unjoni għall-iskrinjar, mill-Istati Membri, ta' investimenti barranin fit-territorju tagħhom, għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku.

---

16 ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

17 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).

2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi mekkaniżmu ta' kooperazzjoni li jippermetti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiskambjaw informazzjoni dwar investimenti barranin, jivvalutaw l-impatt potenzjali tagħhom fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku, u jidentifikaw tħassib potenzjali li għandu jiġi indirizzat mill-Istat Membru li qed jiskrinja l-investiment barrani.

3. L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu fis-seħħ dispożizzjonijiet nazzjonali f'oqsma mhux ikkoordinati minn dan ir-Regolament.

4. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-fatt li kull Stat Membru għandu responsabbiltà esklużiva għas-sigurtà nazzjonali tiegħu, kif previst fl-Artikolu 4(2) TUE, u għad-dritt ta' kull Stat Membru li jipproteġi l-interessi essenzjali tas-sigurtà tiegħu f'konformità mal-Artikolu 346 TFUE.

5. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri skont it-Trattati, b'mod partikolari l-Artikoli 49 u 63 tat-TFUE. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe miżura meħuda fil-qafas ta' dan ir-Regolament tikkonforma ma' dawk l-obbligi. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 258 tat-TFUE biex tiżgura l-konformità mal-liġi tal-Unjoni.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "investiment barrani" tfisser investiment dirett barrani jew investiment fl-Unjoni taħt kontroll barrani, li jippermetti parteċipazzjoni effettiva fil-ġestjoni jew fil-kontroll ta' entità fil-mira tal-Unjoni;

(2) "investiment dirett barrani" tfisser investiment ta' kwalunkwe tip minn investitur barrani li għandu l-għan li jistabbilixxi jew li jżomm rabtiet dejjiema u diretti bejn l-investitur barrani u entità fil-mira tal-Unjoni eżistenti jew li għad trid tiġi stabbilita, u li għalih l-investitur barrani jagħmel kapital disponibbli sabiex iwettaq attività ekonomika fi Stat Membru;

(3) "investiment fl-Unjoni taħt kontroll barrani" tfisser investiment ta' kwalunkwe tip imwettaq minn investitur barrani permezz tas-sussidjarja tal-investitur barrani fl-Unjoni, li għandu l-għan li jistabbilixxi jew iżomm rabtiet dejjiema u diretti bejn l-investitur barrani u entità fil-mira tal-Unjoni li teżisti jew li għandha tiġi stabbilita, u li għalih l-investitur barrani jagħmel kapital disponibbli sabiex iwettaq attività ekonomika fi Stat Membru;

(4) "talba għal awtorizzazzjoni" tfisser il-preżentazzjoni, skont mekkaniżmu ta' skrinjar stabbilit skont l-Artikolu 3, ta' talba għall-awtorizzazzjoni ta' investiment barrani soġġett għal rekwiżit ta' awtorizzazzjoni;

(5) "investiment notifikabbli" tfisser investiment barrani li jissodisfa mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5;

(6) "investitur barrani" tfisser:

(a) persuna fiżika ta' pajjiż terz; jew

(b) impriża jew entità stabbilita jew organizzata b'mod ieħor skont il-liġijiet ta' pajjiż terz;

(7) “sussidjarja ta’ investitur barrani fl-Unjoni” tfisser impriża ekonomikament attiva stabbilita skont il-liġijiet ta’ Stat Membru li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 22(1) tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013[18], u kkontrollata direttament jew indirettament minn investitur barrani;

(8) “Entità fil-mira tal-Unjoni” tfisser impriża stabbilita skont il-liġijiet ta’ Stat Membru;

(9) “Entità fil-mira tal-Unjoni ekonomikament attiva f’wieħed mill-oqsma elenkati fl-Anness II” tfisser mira tal-Unjoni attiva jew maħsuba li tkun attiva fit-teknoloġiji, l-assi, il-faċilitajiet, it-tagħmir, in-networks, is-sistemi, is-servizzi u l-attivitajiet ekonomiċi ta’ importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni, elenkati fl-Anness II, inkluż permezz tas-sjieda, l-użu, il-produzzjoni jew il-provvista tagħhom;

(10) “applikant li jitlob awtorizzazzjoni” tfisser il-parti jew il-partijiet għal tranżazzjoni ta’ investiment barrani li japplikaw għal awtorizzazzjoni mal-awtorità tal-iskrinjar rilevanti;

(11) “pajjiż terz” tfisser ġuriżdizzjoni, li mhijiex membru tal-Unjoni;

(12) “skrinjar” tfisser proċedura li tippermetti lil Stat Membru jivvaluta, jinvestiga, jawtorizza, jawtorizza soġġett għal miżuri ta’ mitigazzjoni, jipprojbixxi jew ixolji investimenti barranin għal raġunijiet ta’ sigurtà jew ordni pubbliku;

(13) “mekkaniżmu ta’ skrinjar” tfisser strument ta’ applikazzjoni ġenerali, bħal liġi jew regolament, u rekwiżiti amministrattivi li jakkumpanjawh, regoli ta’ implimentazzjoni jew linji gwida, li jistabbilixxu t-termini, il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-iskrinjar ta’ investimenti barranin għal raġunijiet ta’ sigurtà jew ordni pubbliku;

(14) “deċiżjoni tal-iskrinjar” tfisser miżura adottata minn awtorità tal-iskrinjar fl-applikazzjoni ta’ mekkaniżmu tal-iskrinjar li tirriżulta fl-awtorizzazzjoni, l-awtorizzazzjoni soġġetta għal miżuri ta’ mitigazzjoni, il-projbizzjoni jew ix-xoljiment ta’ investiment barrani;

(15) “awtorità tal-iskrinjar” jew “awtoritajiet tal-iskrinjar” tfisser l-awtorità jew l-awtoritajiet maħtura minn Stat Membru biex jiskrinjaw l-investimenti barranin;

(16) “tlestija” tfisser il-mument meta l-aħħar kundizzjoni sospensiva tkun ġiet issodisfata fir-rigward ta’ deċiżjoni ta’ investiment mill-partijiet għal tranżazzjoni ta’ investiment barrani;

(17) “mekkaniżmu ta’ kooperazzjoni” tfisser il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar investimenti barranin skont dan ir-Regolament;

(18) “proġetti jew programmi ta’ interess għall-Unjoni” tfisser proġetti jew programmi koperti mid-dritt tal-Unjoni li jipprevedu l-iżvilupp, il-manutenzjoni jew l-akkwist ta’ infrastruttura kritika, teknoloġiji kritiċi jew inputs kritiċi li huma essenzjali għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku u li huma elenkati fl-Anness I;

---

[18] Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta’ ċerti tipi ta’ intrapriżi, li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19-76, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2013/34/oj).

(19) “Stat Membru notifikanti” tfisser Stat Membru li jkun innotifika investiment notifikabbli lill-mekkaniżmu ta’ kooperazzjoni skont l-Artikolu 5;

(20) “tranżazzjoni multinazzjonali” tfisser investiment barrani soġġett għal mekkaniżmi ta’ skrinjar f’diversi Stati Membri;

(21) “notifika multinazzjonali” tfisser investiment notifikabbli li diversi Stati Membri huma meħtieġa jinnotifikaw lill-mekkaniżmu ta’ kooperazzjoni;

(22) “miżura ta’ mitigazzjoni” tfisser kwalunkwe kundizzjoni biex jiġi solvut l-effett negattiv probabbli għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku li jirriżulta mill-investiment barrani.

(23) “punt ta’ kuntatt” tfisser il-persuna jew l-entità maħtura minn Stat Membru biex tinnotifika l-investimenti notifikabbli lill-mekkaniżmu ta’ kooperazzjoni, u biex tirċievi u tibgħat il-komunikazzjoni kollha relatata mal-investimenti barranin koperti minn dan ir-Regolament lill-mekkaniżmu ta’ kooperazzjoni, f’isem l-awtorità tal-iskrinjar.

KAPITOLU 2
MEKKANIŻMI NAZZJONALI TA’ SKRINJAR

Artikolu 3

Stabbiliment ta’ mekkaniżmi ta’ skrinjar

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu ta’ skrinjar f’konformità ma’ dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-mekkaniżmu ta’ skrinjar imsemmi fil-paragrafu 1 japplika mill-inqas għal investimenti soġġetti għal rekwiżit ta’ awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 4(4).

3. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-miżuri adottati skont il-paragrafu 1 mhux aktar tard minn [data: 15-il xahar wara d-dħul fis-seħħ]. Wara dan, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe emenda għall-mekkaniżmu ta’ skrinjar tagħhom fi żmien 30 jum mill-adozzjoni tal-emenda.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku lista tal-mekkaniżmi ta’ skrinjar tal-Istati Membri mhux aktar tard minn 3 xhur wara li tkun irċeviet in-notifiki kollha msemmija fil-paragrafu 3 jew sa [data: 21 xahar wara d-dħul fis-seħħ], skont liema jseħħ l-ewwel. Il-Kummissjoni għandha żżomm dik il-lista aġġornata.

Artikolu 4

Rekwiżiti minimi

1. Ir-regoli u l-proċeduri relatati mal-mekkaniżmi ta’ skrinjar, u l-miżuri meħuda skont tali regoli u proċeduri, għandhom jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni, ikunu trasparenti u ma għandhomx jiddiskriminaw bejn pajjiżi terzi jew bejn l-Istati Membri li fihom tkun stabbilita s-sussidjarja tal-investitur barrani fl-Unjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-mekkaniżmi ta’ skrinjar tagħhom jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

   (a) għandhom jiġu previsti proċeduri adegwati għall-awtorità tal-iskrinjar biex tiddetermina jekk għandhiex ġuriżdizzjoni fuq investiment barrani ppreżentat

għal awtorizzazzjoni u biex twettaq rieżami inizjali segwit minn, fejn meħtieġ, investigazzjoni fil-fond biex tiddetermina jekk dak l-investiment barrani huwiex probabbli li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. L-għan tal-investigazzjoni fil-fond għandu jkun, b'mod partikolari, li tiddetermina jekk deċiżjoni tal-iskrinjar kif imsemmi fl-Artikolu 14(1) hijiex xierqa u li tiddetermina l-kontenut tagħha.

(b) l-awtorità tal-iskrinjar għandha timmonitorja u tiżgura l-konformità mal-mekkaniżmu tal-iskrinjar u mad-deċiżjonijiet tal-iskrinjar. B'mod partikolari, hija għandha tistabbilixxi proċeduri adegwati biex tidentifika u tipprevjeni ċ-ċirkomvenzjoni tal-mekkaniżmu tal-iskrinjar u tad-deċiżjonijiet tal-iskrinjar;

(c) l-awtorità tal-iskrinjar għandha tingħata s-setgħa li tibda l-iskrinjar tal-investimenti barranin bl-inizjattiva tagħha stess għal mill-inqas 15-il xahar wara t-tlestija ta' investiment barrani li ma jkunx soġġett għal rekwiżit ta' awtorizzazzjoni meta l-awtorità tal-iskrinjar ikollha raġunijiet biex tqis li l-investiment barrani jista' jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku;

(d) informazzjoni kunfidenzjali, inkluża informazzjoni sensittiva kummerċjalment, magħmulha disponibbli għall-Istat Membru li jwettaq l-iskrinjar, għandha tkun protetta;

(e) investituri barranin, sussidjarji ta' investituri barranin fl-Unjoni li permezz tagħhom jitwettaq l-investiment barrani u l-impriżi kkonċernati minn deċiżjoni tal-iskrinjar għandu jkollhom il-possibbiltà li jfittxu rikors ġudizzjarju kontra dik id-deċiżjoni tal-iskrinjar;

(f) rapport annwali għandu jsir pubbliku, u għandu jinkludi informazzjoni dwar l-iżviluppi leġiżlattivi rilevanti fl-Istat Membru u d-*data* aggregata u anonimizzata dwar l-investimenti skrinjati, inkluż l-eżitu tad-deċiżjonijiet tal-iskrinjar, in-nazzjonalitajiet, jew il-pajjiż ta' stabbiliment skont il-każ, tal-partijiet għall-investimenti nnotifikati lill-awtorità tal-iskrinjar, u s-setturi ekonomiċi li fihom ikunu seħħew dawk it-tranżazzjonijiet;

(g) l-investimenti barranin soġġetti għal rekwiżit ta' awtorizzazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 4 għandhom jiġu ppreżentati mill-applikant li jitlob awtorizzazzjoni mal-awtorità tal-iskrinjar u għandhom jiġu skrinjati qabel ma jitlesta l-investiment barrani;

(h) l-awtorità tal-iskrinjar għandha tingħata s-setgħa li timponi miżuri ta' mitigazzjoni, tipprojbixxi, jew ixxolji investimenti barranin soġġetti għal rekwiżit ta' awtorizzazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 4 li ma jkunux ġew ippreżentati jew li jkunu ġew ippreżentati wara t-tlestija u, fejn applikabbli, tindirizza b'mod effettiv il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità mal-miżuri ta' mitigazzjoni;

(i) għandhom jiġu pprovduti proċeduri adegwati għan-notifika ta' investimenti notifikabbli lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni skont l-Artikolu 5.

3. Qabel ma jieħdu deċiżjoni li tawtorizza investiment barrani soġġett għal miżuri ta' mitigazzjoni jew li tipprojbixxi investiment barrani, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-applikant li jitlob awtorizzazzjoni u jiddikjaraw ir-raġunijiet li dwarhom beħsiebhom jieħdu d-deċiżjoni tagħhom, soġġett għall-protezzjoni ta' informazzjoni li l-iżvelar tagħha jmur kontra l-interessi tas-sigurtà jew tal-ordni pubbliku tal-UE jew ta' Stat Membru wieħed jew aktar u mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali.

L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-investitur barrani l-opportunità li jesprimi l-fehmiet tiegħu qabel ma jieħu tali deċiżjoni.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-mekkaniżmi ta' skrinjar tagħhom jimponu rekwiżit ta' awtorizzazzjoni għall-investimenti barranin fejn l-entità fil-mira tal-Unjoni tkun stabbilita fit-territorju tagħhom:

(a) tkun parti minn jew tipparteċipa f'wieħed mill-proġetti jew mill-programmi ta' interess għall-Unjoni elenkati fl-Anness I, inkluż bħala riċevitur ta' fondi kif definit fl-Artikolu 2 (53) tar-Regolament 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19], jew

(b) tkun ekonomikament attiva f'waħda miż-żoni elenkati fl-Anness II.

KAPITOLU 3
IL-MEKKANIŻMU TA' KOOPERAZZJONI TAL-UNJONI DWAR L-INVESTIMENTI BARRANIN LI X'AKTARX JAFFETTWA B'MOD NEGATTIV IS-SIGURTÀ JEW L-ORDNI PUBBLIKU

Artikolu 5

Notifika ta' investimenti barranin

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra permezz tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni bi kwalunkwe investiment barrani f'entità fil-mira tal-Unjoni stabbilita fit-territorju tagħhom li:

(a) jirrispetta l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(4) punt (a); jew

(b) jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(4) punt (b) u kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-investitur barrani jew is-sussidjarja tal-investitur barrani fl-Unjoni tkun direttament jew indirettament ikkontrollata mill-gvern, inklużi korpi tal-istat, awtoritajiet reġjonali jew lokali jew forzi armati, ta' pajjiż terz, inkluż permezz ta' struttura ta' sjieda, finanzjament sinifikanti, drittijiet speċjali jew diretturi jew maniġers maħtura mill-Istat;

(ii) l-investitur barrani, persuna fiżika jew entità li tikkontrolla l-investitur barrani, is-sid benefiċjarju tal-investitur barrani, kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tal-investitur barrani, jew kwalunkwe parti oħra li tkun proprjetà ta' jew ikkontrollata minn, jew li taġixxi f'isem jew taħt id-direzzjoni ta', tali investitur barrani jkun soġġett għal miżuri restrittivi tal-Unjoni skont l-Artikolu 215 tat-TFUE; jew

[19] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1-222, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1046/oj).

(iii) l-investitur barrani jew kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tiegħu kien involut f'investiment barrani preċedentement skrinjat minn Stat Membru u ma kienx awtorizzat jew awtorizzat biss b'kundizzjonijiet; biex jiddetermina dan, l-Istat Membru notifikanti għandu jibbaża fuq l-informazzjoni disponibbli għalih, inkluża l-informazzjoni li tinsab fil-bażi tad-*data* sigura stabbilita skont l-Artikolu 7(10) u l-informazzjoni pprovduta mill-investitur barrani dwar din il-kwistjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bi kwalunkwe investiment barrani f'entità fil-mira tal-Unjoni stabbilita fit-territorju tagħhom meta jibdew investigazzjoni fil-fond skont il-proċeduri ta' skrinjar tagħhom. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bi kwalunkwe investiment barrani f'entità fil-mira tal-Unjoni stabbilita fit-territorju tagħhom, f'każijiet eċċezzjonali, meta jkollhom l-intenzjoni li jimponu miżura ta' mitigazzjoni jew li jipprojbixxu t-tranżazzjoni mingħajr investigazzjoni fil-fond.

3. L-Istati Membri jistgħu jinnotifikaw kwalunkwe investiment barrani li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 jekk l-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-entità fil-mira tal-Unjoni jqis li investiment barrani jista' jkun ta' interess għall-Istati Membri l-oħra u għall-Kummissjoni minn perspettiva ta' sigurtà jew ordni pubbliku, inkluż fejn l-entità fil-mira tal-Unjoni jkollha operazzjonijiet sinifikanti fi Stati Membri oħra, jew tkun tappartjeni għal grupp korporattiv li għandu diversi kumpaniji fi Stati Membri differenti li huma ekonomikament attivi f'wieħed mill-oqsma elenkati fl-Anness II.

Meta Stat Membru jkollu l-intenzjoni li jinnotifika investiment barrani fit-territorju tiegħu li jifforma parti minn tranżazzjoni multinazzjonali skont l-Artikolu 6(2), huwa għandu jikkoordina mal-Istati Membri l-oħra li jkunu rċevew it-talba għall-awtorizzazzjoni. L-Istati Membri rispettivi għandhom jinnotifikaw it-tranżazzjoni multinazzjonali u għandhom jagħmlu ħilithom biex jibagħtu n-notifiki tagħhom lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni fl-istess jum.

Artikolu 6

Kontenut u proċeduri għan-notifika ta' investimenti barranin

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li notifika skont l-Artikolu 5 ikun fiha l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1) u tintbagħat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4):

(a) fi żmien 15-il jum kalendarju minn meta tasal it-talba rispettiva għal awtorizzazzjoni għal investimenti barranin li jissodisfaw kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(1) jew (3);

(b) fi żmien 60 jum kalendarju minn meta tasal it-talba għall-awtorizzazzjoni għal investimenti barranin li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(2).

2. Il-proċeduri li ġejjin għandhom japplikaw għal tranżazzjonijiet multinazzjonali:

(a) l-applikanti li jitolbu awtorizzazzjoni għandhom jippreżentaw it-talbiet tagħhom għall-awtorizzazzjoni fl-Istati Membri rilevanti kollha fl-istess jum, u kull talba għall-awtorizzazzjoni għandha tagħmel referenza għat-talbiet l-oħra;

(b) fejn Stat Membru jirċievi talba għal awtorizzazzjoni li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a), huwa għandu jikkoordina mal-Istati

Membri l-oħra kkonċernati, *inter alia*, biex jiddetermina jekk il-punt (c) jew (d) ta' dan il-paragrafu huwiex applikabbli; il-Kummissjoni tista' tipparteċipa f'tali koordinazzjoni fuq talba minn Stat Membru wieħed jew aktar;

(c) jekk it-talbiet għal awtorizzazzjoni jikkonċernaw investiment barrani li jissodisfa kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(1), l-Istati Membri rispettivi għandhom jibagħtu n-notifiki tagħhom lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni fl-istess jum u sal-iskadenza stabbilita fil-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;

(d) jekk it-talbiet għal awtorizzazzjoni jikkonċernaw investiment barrani li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(2), l-Istati Membri rispettivi għandhom jagħmlu ħilithom biex jibagħtu n-notifiki tagħhom lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni fl-istess jum.

Artikolu 7

Kummenti mill-Istati Membri u opinjonijiet mill-Kummissjoni dwar investimenti barranin notifikati

1. Kwalunkwe Stat Membru jista' joħroġ kummenti debitament motivati lill-Istat Membru notifikanti permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4). Stat Membru jista' joħroġ tali kummenti jekk huwa:

   (a) iqis li investiment barrani x'aktarx li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku tiegħu; jew

   (b) ikollu informazzjoni rilevanti għall-iskrinjar ta' dak l-investiment barrani.

   L-Istat Membru li joħroġ il-kummenti għandu simultanjament jibgħat il-kummenti tiegħu lill-Kummissjoni u jinforma permezz tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni lill-Istati Membri l-oħra kollha li l-kummenti jkunu ġew ipprovduti.

2. Il-Kummissjoni tista' toħroġ opinjoni debitament motivata indirizzata lill-Istat Membru notifikanti permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4). Il-Kummissjoni tista' toħroġ tali opinjoni jekk:

   (a) tqis li investiment barrani bħal dan x'aktarx li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku ta' aktar minn Stat Membru wieħed;

   (b) tqis li investiment dirett barrani bħal dan x'aktarx li jaffettwa b'mod negattiv proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku;

jew

   (c) hija għandha informazzjoni rilevanti relatata ma' dak l-investiment barrani.

   Il-Kummissjoni tista' toħroġ opinjoni irrispettivament minn jekk Stati Membri jkunux ħarġu kummenti.

3. Il-Kummissjoni tista' toħroġ opinjoni debitament motivata indirizzata lill-Istati Membri kollha jekk tqis li diversi investimenti barranin jew investimenti simili oħra li kieku kellhom isiru, meħuda flimkien, u b'kont meħud tal-karatteristiċi tagħhom jistgħu jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni. Wara li tinħareġ opinjoni tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tista', kif xieraq, tiddiskuti mal-Istati Membri kif għandhom jiġu indirizzati r-riskji identifikati.

4. Il-Kummissjoni għandha:

(a) tibgħat opinjonijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) u (c) tal-paragrafu 2 lill-Istati Membri kollha li pprovdew kummenti u jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra li nħarġet opinjoni permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4);

(b) tibgħat opinjonijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (b) tal-paragrafu 2 u opinjonijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet fil-paragrafu 3 lill-Istati Membri kollha permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4).

5. Meta Stat Membru fejn l-investiment barrani jkun ippjanat jew ikkompletat jirċievi kumment minn Stat Membru ieħor skont il-paragrafu 1 jew opinjoni mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 2 jew 3, huwa għandu jagħti l-akbar kunsiderazzjoni lil tali kumment jew opinjoni.

6. Wara li jirċievi kumment skont il-paragrafu 1, l-Istat Membru għandu jorganizza laqgħa mal-Istati Membri li taw kummenti sabiex jiddiskutu kif l-aħjar jiġu indirizzati r-riskji identifikati. Jekk l-Istat Membru fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta ma jaqbilx mar-riskji identifikati jew, jekk applikabbli, mal-miżura proposta fil-kumment, l-Istati Membri għandu jkollhom l-għan li jidentifikaw soluzzjonijiet alternattivi. Meta l-kumment jikkonċerna tranżazzjoni multinazzjonali, l-Istati Membri l-oħra li nnotifikaw l-investiment barrani għandhom ukoll jiġu mistiedna biex jiddiskutu jekk l-eżiti maħsuba humiex kompatibbli ma' xulxin u, fejn applikabbli, jekk il-kundizzjonijiet maħsuba jkunux jistgħu jindirizzaw ir-riskji transfruntiera identifikati b'mod adegwat. Il-Kummissjoni għandha tkun mistiedna għal kwalunkwe laqgħa bħal din.

7. Wara li tasal opinjoni skont il-paragrafu 2 jew 3, il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 6 għandha tapplika *mutatis mutandis*.

8. Wara li jirċievi opinjoni skont il-paragrafu 2 jew 3, l-Istat Membru fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta, għandu:

(a) jinnotifika d-deċiżjoni tal-iskrinjar tiegħu lill-Istati Membri rispettivi u lill-Kummissjoni permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4) sa mhux aktar tard minn 3 ijiem kalendarji wara li tkun intbagħtet lill-partijiet rispettivi għall-investiment barrani;

(b) jipprovdi spjegazzjoni bil-miktub lill-Istati Membri rispettivi u lill-Kummissjoni permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4) sa mhux aktar tard minn 7 ijiem kalendarji wara li tkun ġiet innotifikata d-deċiżjoni tal-iskrinjar skont il-paragrafu (a) dwar:

(i) il-punt sa fejn ikun ta l-akbar kunsiderazzjoni għall-kummenti tal-Istati Membri jew l-opinjoni tal-Kummissjoni; jew

(ii) ir-raġuni għan-nuqqas ta' qbil tiegħu mal-kummenti tal-Istati Membri jew mal-opinjoni tal-Kummissjoni.

9. Meta l-Istati Membri jew il-Kummissjoni jindikaw li d-deċiżjoni tal-iskrinjar imsemmija fil-paragrafu 8, is-subparagrafu (a), ta' dan l-Artikolu ma tagħtix l-akbar kunsiderazzjoni għall-kummenti tagħhom ipprovduti skont il-paragrafu 1 jew l-opinjoni pprovduta skont il-paragrafu 2 jew 3, l-Istat Membru fejn l-investiment huwa ppjanat jew tlesta għandu jorganizza laqgħa biex jispjega l-ostakli li ltaqa' magħhom jew ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' qbil u għandu jagħmel ħiltu biex jidentifika soluzzjonijiet, jekk tinqala' sitwazzjoni simili fil-futur. Meta d-deċiżjoni

tal-iskrinjar tikkonċerna notifika multinazzjonali, l-Istati Membri l-oħra li nnotifikaw l-investiment barrani lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għandhom jiġu mistiedna wkoll. Il-Kummissjoni għandha tiġi mistiedna għal kwalunkwe laqgħa organizzata skont dan il-paragrafu.

10. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi bażi tad-*data* sigura magħmula disponibbli għall-Istati Membri kollha b'informazzjoni dwar l-investimenti barranin ivvalutati mill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u l-eżitu tal-valutazzjonijiet skont il-mekkaniżmi nazzjonali tal-iskrinjar, inkluża informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet tal-iskrinjar rilevanti. Il-Kummissjoni għandha ttella', f'dik il-bażi tad-*data*, l-informazzjoni li ilha għad-dispożizzjoni tagħha sa mit-12 ta' Ottubru 2020. Sa [d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] l-Istati Membri għandhom itellgħu, f'dik il-bażi tad-*data*, l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħhom dwar l-eżitu tal-proċedura rilevanti skont il-mekkaniżmi tal-iskrinjar tagħhom stess. Huma jistgħu jipprovdu wkoll spjegazzjonijiet addizzjonali.

11. Meta joħorġu kummenti jew opinjoni skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri, u l-Kummissjoni, skont il-każ, għandhom jikkunsidraw jekk tali kummenti jew opinjoni għandhomx ikunu informazzjoni klassifikata u liema livell ta' klassifikazzjoni għandu japplika għalihom, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali rispettiva dwar l-informazzjoni klassifikata.

Artikolu 8

Skadenzi u proċeduri għall-għoti ta' kummenti u opinjonijiet dwar investimenti barranin notifikati

1. Qabel ma Stat Membru jagħti kumment jew il-Kummissjoni tagħti opinjoni skont l-Artikolu 7, għandha tapplika l-proċedura li ġejja:

   (a) l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Istat Membru notifikanti permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4) li huma jirriżervaw id-dritt tagħhom li jagħtu kummenti sa mhux aktar tard minn 15-il jum kalendarju wara li jirċievu n-notifika skont l-Artikolu 5;

   (b) il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru notifikanti permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4) li hija tirriżerva d-dritt tagħha li tagħti opinjoni sa mhux aktar tard minn 20 jum kalendarju wara li tirċievi n-notifika skont l-Artikolu 5.

2. Meta jirriżervaw id-dritt tagħhom li jagħtu kummenti jew opinjoni, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jistgħu jitolbu informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru notifikanti. Kwalunkwe talba għal informazzjoni addizzjonali għandha tkun debitament ġustifikata, limitata għall-informazzjoni meħtieġa biex l-Istati Membri jipprovdu kummenti jew biex il-Kummissjoni tagħti opinjoni, proporzjonata għall-fini tat-talba u li ma tkunx ta' piż bla bżonn għall-Istat Membru notifikanti. Meta Stat Membru jitlob informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru notifikanti, huwa għandu jibgħat tali talbiet lill-Kummissjoni simultanjament.

3. L-iskadenzi li ġejjin għandhom japplikaw għall-ħruġ ta' kummenti mill-Istati Membri u għall-opinjonijiet mill-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 7:

   (a) meta Stat Membru jirriżerva d-dritt tiegħu li jagħti kummenti dwar investiment barrani notifikat mingħajr ma jitlob informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru notifikanti, il-kummenti rispettivi għandhom jiġu indirizzati lill-Istat

Membru notifikanti permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4) sa mhux aktar tard minn 35 jum kalendarju wara l-wasla tan-notifika kompluta tal-investiment barrani;

(b) meta l-Kummissjoni tirriżerva d-dritt tagħha li tagħti opinjoni dwar investiment barrani notifikat mingħajr ma titlob informazzjoni addizzjonali mingħand l-Istat Membru notifikanti, l-opinjoni rispettiva għandha tiġi indirizzata lill-Istat Membru notifikanti permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4) sa mhux aktar tard minn 45 jum kalendarju wara l-wasla tan-notifika kompluta tal-investiment barrani;

(c) meta Stat Membru jirriżerva d-dritt tiegħu li jagħti kummenti dwar investiment barrani notifikat u jitlob informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru notifikanti, il-kummenti rispettivi għandhom jiġu indirizzati lill-Istat Membru notifikanti permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4) sa mhux aktar tard minn 20 jum kalendarju wara l-wasla tal-informazzjoni addizzjonali kompluta;

(d) meta l-Kummissjoni tirriżerva d-dritt tagħha li tagħti opinjoni u titlob informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru notifikanti, l-opinjoni rispettiva għandha tingħata lill-Istat Membru notifikanti permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4) sa mhux aktar tard minn 30 jum kalendarju wara l-wasla tal-informazzjoni addizzjonali kompluta.

L-Istat Membru notifikanti għandu jieħu d-deċiżjoni tal-iskrinjar tiegħu biss wara li jkunu għaddew l-iskadenzi msemmija fil-punti (a)-(d).

4. L-Istat Membru notifikanti għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4) dwar kwalunkwe informazzjoni jew ċirkostanza sostanzjali ġdida rilevanti għall-valutazzjoni ta' investiment barrani li jkun diġà ġie nnotifikat skont l-Artikolu 5. Jekk din l-informazzjoni ssir disponibbli qabel jagħlqu l-iskadenzi stabbiliti fil-paragrafu 3, l-Istat Membru notifikanti, il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra għandhom jagħmlu ħilithom biex b'mod reċiproku, jaqblu dwar estensjoni aċċettabbli tal-iskadenza. Jekk l-iskadenzi għall-valutazzjoni tan-notifika inizjali stabbiliti fil-paragrafu 3 ikunu għaddew, dawn għandhom jerġgħu jibdew skont l-iskadenzi stabbiliti fil-paragrafu 3, il-punt (c) u (d).

5. L-Istat Membru notifikanti għandu jipprovdi l-informazzjoni addizzjonali kompluta mitluba mill-Kummissjoni jew minn Stati Membri oħra skont il-paragrafu 2 mingħajr dewmien żejjed permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4). Meta l-Istat Membru notifikanti jipprovdi informazzjoni addizzjonali lil Stat Membru, tali informazzjoni addizzjonali għandha tintbagħat lill-Kummissjoni simultanjament.

6. Meta l-Istat Membru notifikanti jirċievi diversi talbiet għal informazzjoni addizzjonali dwar l-istess investiment notifikabbli, huwa għandu jipprovdi l-informazzjoni addizzjonali kollha mitluba simultanjament.

7. Meta diversi Stati Membri notifikanti jirċievu talbiet għal informazzjoni addizzjonali dwar notifika multinazzjonali speċifika, l-iskadenzi stabbiliti fil-paragrafu 3 għandhom jibdew fid-data tal-wasla tal-aħħar informazzjoni addizzjonali kompluta. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika din id-data u l-iskadenza lill-Istati Membri rispettivi.

8. Meta, minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali, l-Istat Membru notifikanti jqis li s-sigurtà jew l-ordni pubbliku tiegħu jeħtieġu l-ħruġ ta' deċiżjoni tal-iskrinjar qabel ma jagħlqu l-iskadenzi msemmija fil-paragrafu 3, huwa għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tiegħu u jiġġustifika kif xieraq il-ħtieġa għal azzjoni immedjata. L-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni għandhom jipprovdu kummenti jew jagħtu opinjoni mingħajr dewmien. Din il-proċedura ma għandhiex tiġi invokata biex isservi purament l-interessi kummerċjali tal-applikant li jitlob l-awtorizzazzjoni.

9. L-iskadenzi kollha stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom jiġu sospiżi bejn il-25 ta' Diċembru u l-1 ta' Jannar u għandhom jerġgħu jibdew fit-2 ta' Jannar.

Artikolu 9

Proċedura fuq inizjattiva proprja

1. Stat Membru li jqis li investiment barrani fit-territorju ta' Stat Membru ieħor li ma jkunx ġie nnotifikat lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni x'aktarx li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku tiegħu, jista' jiftaħ proċedura fuq inizjattiva proprja fir-rigward ta' dak l-investiment barrani. Qabel il-ftuħ tal-proċedura, l-Istat Membru għandu jivverifika li l-Istat Membru fejn l-investiment huwa ppjanat jew tlesta ma għandux l-intenzjoni li jinnotifika l-investiment barrani lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jingħataw mill-inqas 15-il xahar, wara li l-investiment barrani jkun tlesta, biex jeżerċitaw id-dritt li jiftħu l-proċedura stabbilita fil-paragrafu 1, dment li sadanittant l-investiment barrani rispettiv ma jkunx ġie nnotifikat lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni.

3. Il-Kummissjoni tista' tiftaħ proċedura fuq inizjattiva proprja meta tqis li investiment barrani fit-territorju ta' Stat Membru li ma jkunx ġie nnotifikat lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni jaqa' taħt l-Artikolu 7(2). Qabel ma tiftaħ il-proċedura, il-Kummissjoni għandha tivverifika li l-Istat Membru fejn l-investiment ikun ippjanat jew tlesta ma jkollux l-intenzjoni li jinnotifika l-investiment barrani lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata mill-inqas 15-il xahar, wara li l-investiment barrani jkun tlesta, biex teżerċita id-dritt li tiftaħ il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 3, dment li sadanittant l-investiment barrani rispettiv ma jkunx ġie nnotifikat lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni.

5. L-Istati Membri jew il-Kummissjoni għandhom jiftħu l-proċedura fuq inizjattiva proprja stabbilita fil-paragrafi 1 u 3 rispettivament billi jibagħtu talba debitament motivata għal informazzjoni permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4) lill-Istat Membru fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta. Kwalunkwe talba għal informazzjoni skont dan il-paragrafu għandha tkun debitament ġustifikata, limitata għall-informazzjoni meħtieġa biex l-Istati Membri jipprovdu kummenti jew biex il-Kummissjoni tagħti opinjoni, proporzjonata għall-fini tat-talba u li ma tkunx ta' piż bla bżonn għall-Istat Membru notifikanti. Meta t-talba għall-informazzjoni tiġi ppreżentata minn Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jibgħat it-talba lill-Kummissjoni simultanjament.

6. L-Istat Membru fejn l-investiment huwa ppjanat jew tlesta għandu jipprovdi l-informazzjoni kompluta mitluba mill-Istati Membri l-oħra jew mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 5 mingħajr dewmien żejjed permezz tas-sistema sigura u kriptata

msemmija fl-Artikolu 12(4). Meta l-Istat Membru notifikanti jipprovdi informazzjoni addizzjonali lil Stat Membru, tali informazzjoni addizzjonali għandha tintbagħat lill-Kummissjoni simultanjament.

7. Wara li tasal l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 6, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu kummenti u l-Kummissjoni tista' tipprovdi opinjoni lill-Istat Membru fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta. Ir-regoli u l-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 7 u 8 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*, soġġetti għall-modifiki li ġejjin:

(a) il-kummenti mill-Istati Membri jew l-opinjoni mill-Kummissjoni għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard minn 35 jum kalendarju wara li tasal l-informazzjoni kompluta mitluba skont il-paragrafu 5.

(b) għall-proċeduri mibdija skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandu jkollha 15-il jum kalendarju addizzjonali biex tagħti opinjoni wara li tkun għaddiet l-iskadenza għall-Istat Membru stabbilita fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu.

Artikolu 10

Rekwiżiti ta' informazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta fin-notifika msemmija fl-Artikolu 5 u għat-talba għal informazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(5) jinkludu:

(a) l-isem tal-investitur, is-sid globali aħħari tal-investitur u l-entità fil-mira tal-Unjoni, l-istruttura tas-sjieda tal-investitur u, fejn applikabbli, tal-grupp korporattiv li l-investitur huwa parti minnu;

(b) deskrizzjoni komprensiva tal-investiment, il-valur tiegħu u l-informazzjoni dwar is-sjieda tal-entità fil-mira tal-Unjoni, qabel u wara l-investiment barrani, dwar il-finanzjament tal-investiment u s-sors tiegħu, abbażi tal-aħjar informazzjoni disponibbli għall-Istat Membru;

(c) l-isem u l-indirizz tal-mira tal-Unjoni, l-attivitajiet tagħha u l-fornituri alternattivi, l-istruttura tas-sjieda tal-entità fil-mira tal-Unjoni u, fejn applikabbli, tal-grupp korporattiv li l-mira tal-Unjoni hija parti minnu;

(d) jekk applikabbli, informazzjoni dwar l-entitajiet legali l-oħra tal-istess grupp korporattiv bħall-entità fil-mira tal-Unjoni li jinsabu fi Stati Membri oħra;

(e) l-attivitajiet tal-investitur barrani, l-isem u l-indirizz tiegħu; kif ukoll

(f) id-data meta l-investiment barrani huwa ppjanat li jitlesta jew ikun tlesta.

2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 21, li għandhom jiġu adottati qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament imsemmija fl-Artikolu 24(2), il-formola li għandha tintuża biex tipprovdi t-tip ta' informazzjoni meħtieġa skont il-paragrafu 1.

3. Meta l-Kummissjoni jew l-Istati Membri jitolbu informazzjoni addizzjonali skont l-Artikolu 8(1) jew l-Artikolu 9(5) mill-Istat Membru fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta, dak l-Istat Membru għandu jagħmel ħiltu biex jipprovdi tali informazzjoni, jekk disponibbli, lill-Istati Membri li qed jagħmu t-talba u lill-Kummissjoni.

4. Fejn meħtieġ, l-Istat Membru fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta jista' jitlob lill-applikant li jitlob awtorizzazzjoni jew kwalunkwe impriża rilevanti oħra biex jipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 3. It-talba għall-informazzjoni tista' tikkonċerna informazzjoni meħtieġa biex l-Istat Membru jiddetermina jekk kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(1) hijiex issodisfata. L-impriża kkonċernata għandha tipprovdi l-informazzjoni mitluba lill-Istat Membru fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta fi żmien 15-il jum kalendarju mit-talba.

5. L-Istat Membru fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta u l-Kummissjoni jistgħu jitolbu lil Stati Membri oħra jfittxu informazzjoni mingħand impriżi fit-territorju tagħhom, dment li din l-informazzjoni tkun rilevanti u strettament meħtieġa għall-valutazzjoni ta' investiment barrani skont l-Artikolu 13. L-Istat Membru li jirċievi t-talba biex ifittex informazzjoni għandu, mingħajr dewmien, jitlob lill-impriża tipprovdi dik l-informazzjoni u għandu jinnotifikaha lill-Istat Membru fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta u lill-Kummissjoni, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikoli 8(2) u 9(6) kif applikabbli.

6. Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra kkonċernati jekk, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, ma jkunx jista', minkejja l-aħjar sforzi tiegħu, jipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 3, 4 jew 5. Dak l-Istat Membru għandu jispjega kif xieraq ir-raġunijiet għaliex ma jkunx jista' jipprovdi l-informazzjoni.

7. Jekk ma tingħata l-ebda informazzjoni jew inkella informazzjoni mhux kompluta, kwalunkwe kumment mogħti minn Stat Membru jew kwalunkwe opinjoni mogħtija mill-Kummissjoni tista' tkun ibbażata fuq l-informazzjoni disponibbli lilhom.

8. Meta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 sa 6 toriġina minn impriża, l-Istat Membru li jirċievi l-informazzjoni mill-impriża għandu jivverifika l-kompletezza tal-informazzjoni u għandu jieħu passi raġonevoli biex jiżgura li l-informazzjoni tkun preċiża qabel ma jipprovdiha lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

Artikolu 11

Rekwiżiti komuni għall-mekkaniżmi tal-iskrinjar biex jiġi żgurat mekkaniżmu ta' kooperazzjoni effettiv

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu r-riżorsi, il-mezzi legali u amministrattivi meħtieġa għall-parteċipazzjoni effiċjenti u effettiva tagħhom fil-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni.

2. Kull Stat Membru u l-Kummissjoni għandhom jaħtru punt ta' kuntatt għall-finijiet tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskadenzi u l-proċeduri stabbiliti fil-mekkaniżmi tal-iskrinjar tagħhom jippermettulhom jipprovdu tweġibiet kompleti għat-talbiet għal informazzjoni addizzjonali mill-Kummissjoni jew minn Stati Membri oħra.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-mekkaniżmi tal-iskrinjar tagħhom jagħtu biżżejjed żmien u mezzi biex jivvalutaw u jagħtu l-akbar kunsiderazzjoni lill-kummenti ta' Stati Membri oħra u l-opinjonijiet tal-Kummissjoni qabel ma tittieħed deċiżjoni tal-iskrinjar. Dan jinkludi li jkollhom l-mezzi u s-setgħat legali kollha meħtieġa biex jikkunsidraw it-tħassib espress jew l-impatti probabbli identifikati

minn Stat Membru ieħor jew mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-iskrinjar tagħha jew fi kwalunkwe strument rilevanti ieħor għad-dispożizzjoni tagħha. Meta investiment barrani jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra skont l-Artikolu 5, il-mekkaniżmi tal-iskrinjar ma għandhomx jippermettu lill-Istati Membri jieħdu d-deċiżjoni tal-iskrinjar tagħhom qabel ma jagħlqu l-iskadenzi għall-kummenti mill-Istati Membri u l-opinjonijiet tal-Kummissjoni stabbiliti fl-Artikolu 8(3).

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-liġijiet nazzjonali tagħhom jippermettu konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 7, il-paragrafi minn 5 sa 9.

6. L-awtoritajiet tal-iskrinjar għandu jkollhom is-setgħa li jinvestigaw, jivvalutaw, jiddeċiedu dwar l-investimenti barranin miġjuba għall-attenzjoni tagħhom skont l-Artikolu 9(7) u jimmonitorjawhom.

7. Meta l-miżuri ta' mitigazzjoni f'deċiżjoni tal-iskrinjar jirrikjedu konformità mill-impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra, l-Istati Membri li jkunu adottaw deċiżjoni tal-iskrinjar għandhom jikkooperaw mal-Istat Membru l-ieħor jew mal-Istati Membri kkonċernati dwar il-monitoraġġ u l-infurzar tad-deċiżjoni tal-iskrinjar. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkollhom il-mezzi legali u s-setgħat kollha meħtieġa biex jindirizzaw b'mod effettiv il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità mal-miżuri ta' mitigazzjoni previsti f'deċiżjoni tal-iskrinjar.

Artikolu 12

Kunfidenzjalità tal-iskambji ta' informazzjoni fil-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni

1. L-informazzjoni li tasal f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 5, 7 u 9 għandha tintuża biss għall-iskop li għalih tkun intalbet, sakemm:

   (a) l-oriġinatur tal-informazzjoni jaqbel b'mod espliċitu ma' użu ieħor; jew

   (b) il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jew qorti tal-Istat Membru fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta titlob tali informazzjoni għall-fini ta' proċedimenti legali.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li jipprovdu jew jirċievu fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, f'konformità mal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni. Meta jittrattaw talbiet għal aċċess għal dokumenti pprovduti jew li jkunu rċevew b'applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom joqogħdu lura milli jiżvelaw kwalunkwe informazzjoni li tista' timmina l-iskop tal-investigazzjonijiet imwettqa skont dan ir-Regolament.

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li l-informazzjoni kklassifikata pprovduta jew skambjata skont dan ir-Regolament ma tiġix degradata jew deklassifikata mingħajr il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-oriġinatur.

4. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi sistema sigura u kriptata biex tappoġġa l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-punti ta' kuntatt.

KAPITOLU 4
INVESTIMENTI BARRANIN LI X'AKTARX JAFFETTWAW B'MOD NEGATTIV IS-SIGURTÀ JEW L-ORDNI PUBBLIKU

Artikolu 13

Determinazzjoni tal-impatt negattiv probabbli fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku

1. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw, għall-finijiet tat-teħid ta' deċiżjoni tal-iskrinjar skont l-Artikolu 14, jew il-ħruġ ta' kumment debitament motivat skont l-Artikolu 7(1) jew l-Artikolu 9(7), jekk investiment barrani huwiex probabbli li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku.

2. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina, għall-fini li tagħti opinjoni debitament motivata skont l-Artikolu 7(2) jew (3) jew l-Artikolu 9(7), jekk tqisx li investiment barrani ikunx probabbli li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku.

3. Meta jiddeterminaw jekk investiment huwiex probabbli li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku, l-Istati Membri jew il-Kummissjoni għandhom jikkunsidraw b'mod partikolari jekk l-investiment ikkonċernat huwiex probabbli li jaffettwa b'mod negattiv:

   (a) is-sigurtà, l-integrità u l-funzjonament tal-infrastruttura kritika, kemm fiżika kif ukoll virtwali; f'dak il-kuntest, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, għandu jiġi vvalutat ukoll jekk l-investiment barrani huwiex probabbli li jaffettwa b'mod negattiv ir-reżiljenza ta' kwalunkwe waħda mill-entitajiet kritiċi li jkunu identifikaw skont id-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20] kif ukoll l-entitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21]. Għandhom jitqiesu wkoll ir-riżultati tal-valutazzjonijiet tar-riskju kkoordinati fil-livell tal-Unjoni tal-ktajjen tal-provvista kritiċi mwettqa f'konformità mal-Artikolu 22(1) tad-Direttiva (UE) 2022/2555. ;

   (b) id-disponibbiltà ta' teknoloġiji kritiċi;

   (c) il-kontinwità tal-provvista ta' inputs kritiċi;

   (d) il-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva, inkluża *data* personali, b'mod partikolari fir-rigward tal-kapaċità tal-investitur barrani li jaċċessa, jikkontrolla, u b'xi mod ieħor jipproċessa tali *data* personali; jew

   (e) il-libertà u l-pluraliżmu tal-mezzi tal-komunikazzjoni, inklużi l-pjattaformi online li jistgħu jintużaw għal diżinformazzjoni fuq skala kbira jew għal attivitajiet kriminali.

---

20 Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 164–198, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2557/oj).

21 Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80–152, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2555/oj).

4. Meta jiddeterminaw jekk investiment huwiex probabbli li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku, l-Istati Membri jew il-Kummissjoni għandhom iqisu wkoll l-informazzjoni relatata mal-investitur barrani, inkluż:

(a) jekk l-investitur barrani, persuna fiżika jew entità li tikkontrolla l-investitur barrani, is-sid benefiċjarju tal-investitur barrani, kwalunkwe sussidjarja tal-investitur barrani, jew kwalunkwe parti oħra proprjetà ta' jew ikkontrollata minn, jew li taġixxi f'isem jew taħt id-direzzjoni tal-investitur barrani kinitx involuta f'investiment barrani preċedentement skrinjat minn Stat Membru u li ma kienx awtorizzat jew kien awtorizzat biss b'kundizzjonijiet; biex jiddeterminaw dan, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom joqogħdu fuq l-informazzjoni disponibbli għalihom, inkluża l-informazzjoni li tinsab fil-bażi tad-*data* sigura stabbilita skont l-Artikolu 7(10);

(b) fejn applikabbli, ir-raġunijiet għaliex l-investitur barrani, persuna fiżika jew entità li tikkontrolla l-investitur barrani, is-sid benefiċjarju tal-investitur barrani, kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tal-investitur barrani, jew kwalunkwe parti oħra proprjetà ta' jew ikkontrollata minn, jew li taġixxi f'isem jew taħt id-direzzjoni tal-investitur barrani, għal miżuri restrittivi skont l-Artikolu 215 TFUE;

(c) jekk l-investitur barrani jew kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tiegħu, jkunx diġà involut f'attivitajiet li jaffettwaw b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku fi Stat Membru;

(d) jekk l-investitur barrani jew kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tiegħu kinux involuti f'attivitajiet illegali jew kriminali, inkluża ċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni skont l-Artikolu 215 TFUE;

(e) jekk ikunx hemm il-probabilità li, l-investitur barrani, persuna fiżika jew entità li tikkontrolla l-investitur barrani, is-sid benefiċjarju tal-investitur barrani, kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tal-investitur barrani, jew kwalunkwe parti oħra li tkun proprjetà ta' jew ikkontrollata minn, jew li taġixxi f'isem jew taħt id-direzzjoni tal-investitur barrani, issegwi l-objettivi ta' politika ta' pajjiż terz, jew tiffaċilita l-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari ta' pajjiż terz.

Artikolu 14

Deċiżjonijiet tal-iskrinjar dwar investimenti barranin li x'aktarx jaffettwaw b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku

1. Meta, b'kont meħud tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 13, u fejn applikabbli, fid-dawl tal-kummenti pprovduti minn Stati Membri oħra skont l-Artikolu 7(1) jew l-Artikolu 9(7), jew opinjoni pprovduta mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7(2) jew (3) jew l-Artikolu 9(7), l-Istat Membru li fih l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta jikkonkludi li l-investiment barrani x'aktarx jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku fi Stat Membru wieħed jew aktar, inkluż fejn ikun ikkonċernat proġett jew programm ta' interess għall-Unjoni, huwa għandu joħroġ deċiżjoni tal-iskrinjar biex:

(a) jawtorizza l-investiment barrani soġġett għal miżuri ta' mitigazzjoni; jew

(b) jipprojbixxi l-investiment barrani.

Id-deċiżjoni tal-iskrinjar għandha tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità u tqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-investiment barrani.

2. Meta l-Istat Membru fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta jqis li miżuri oħra skont il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali huma disponibbli u xierqa biex jindirizzaw l-effett tal-investiment barrani fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku, l-investiment barrani għandu jiġi awtorizzat mingħajr kundizzjonijiet.

KAPITOLU 5
DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 15

Kooperazzjoni internazzjonali

L-Istati Membri u l-Kummissjoni jistgħu jikkooperaw mal-awtoritajiet responsabbli ta' pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet relatati mal-iskrinjar tal-investimenti għal raġunijiet ta' sigurtà u ordni pubbliku.

Artikolu 16

Rappurtar annwali fil-livell tal-Unjoni

1. Sal-31 ta' Marzu ta' kull sena li tibda fi [żid id-data: l-ewwel sena tal-applikazzjoni], l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni, fuq bażi kunfidenzjali, dwar l-attivitajiet tagħhom skont il-mekkaniżmu tal-iskrinjar tagħhom u skont il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għas-sena kalendarja preċedenti. Dan ir-rapport għandu jkun fih l-informazzjoni dwar:

   (a) l-għadd ta' investimenti barranin skrinjati wara talba għall-awtorizzazzjoni u wara proċedura fuq inizjattiva proprja;

   (b) l-għadd ta' investimenti barranin approvati b'kundizzjonijiet u mingħajrhom;

   (c) l-għadd ta' investimenti barranin ipprojbiti, l-għadd ta' investimenti barranin irtirati;

   (d) l-għadd ta' investimenti barranin innotifikati lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, u l-għadd ta' kummenti maħruġa mill-Istat Membru rispettiv;

   (e) informazzjoni dwar l-oriġini tal-investituri barranin u s-settur tal-attività tal-entità fil-mira tal-Unjoni tal-investimenti barranin skrinjati, awtorizzati jew ipprojbiti;

   (f) preżentazzjoni aggregata tar-riskji u l-vulnerabbiltajiet identifikati fl-investimenti barranin li wasslu għal deċiżjoni tal-iskrinjar;

2. Abbażi tal-informazzjoni li tkun wasslet f'konformità mal-paragrafu 1, u abbażi tal-valutazzjoni tagħha tax-xejriet u l-iżviluppi, il-Kummissjoni għandha tipprovdi rapport annwali dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak ir-rapport għandu jsir pubbliku.

Artikolu 17

Proċessar ta' *data* personali

1. Kwalunkwe proċessar ta' *data* personali skont dan ir-Regolament għandu jsir f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 u r-Regolament (UE) 2018/1725 u biss

meta jkun meħtieġ għall-iskrinjar ta' investimenti barranin minn Stati Membri u għall-iżgurar tal-effettività tal-kooperazzjoni prevista f'dan ir-Regolament.

2. Id-*data* personali relatata mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tinżamm biss għaż-żmien meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet li għalihom tkun inġabret.

Artikolu 18

Evalwazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-funzjonament u l-effettività ta' dan ir-Regolament 5 snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u kull 5 snin wara dan u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-Istati Membri għandhom ikunu involuti f'dan l-eżerċizzju, u jekk ikun meħtieġ jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni addizzjonali għat-tħejjija ta' dak ir-rapport.

2. Meta ir-rapport mill-Kummissjoni jirrakkomanda emendi għal dan ir-Regolament, huwa jista' jkun akkumpanjat bi proposta leġiżlattiva.

Artikolu 19

Atti delegati

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 għall-finijiet tal-emendar, fejn meħtieġ, tal-lista ta' proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni stabbilita fl-Anness I sabiex titqies l-adozzjoni u l-emenda tad-dritt tal-Unjoni relatat ma' proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni rilevanti għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 għall-finijiet tal-emendar, fejn meħtieġ, tal-lista tat-teknoloġiji, l-assi, il-faċilitajiet, it-tagħmir, in-networks, is-sistemi, is-servizzi u l-attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni stabbiliti fl-Anness II sabiex jitqiesu l-bidliet fiċ-ċirkostanzi rilevanti għall-interessi tas-sigurtà jew tal-ordni pubbliku tal-Unjoni. B'mod partikolari, dawn il-kunsiderazzjonijiet għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) ir-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni;

(b) ir-reżiljenza tal-infrastrutturi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni;

(c) l-avvanz ta' teknoloġiji ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni;

(d) l-emerġenza ta' vulnerabbiltajiet fir-rigward tal-aċċess għal informazzjoni sensittiva jew għal forom oħra ta' pproċessar ta' tali informazzjoni, inkluża *data* personali sal-punt li x'aktarx dawn il-vulnerabbiltajiet jaffettwaw b'mod negattiv l-interessi tas-sigurtà jew tal-ordni pubbliku tal-Unjoni; kif ukoll

(e) l-emerġenza ta' sitwazzjoni ġeopolitika ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni.

Artikolu 20

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [id-data tad-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv bażiku].

3. Id-delega tas-setgħa tista' tiġi revokata f'kull mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 19 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 21

Proċedura ta' kumitat għall-atti ta' implimentazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-formoli li għandhom jintużaw biex tiġi pprovduta l-informazzjoni indikata fl-Artikolu 10(1).

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 22(2).

Artikolu 22

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 23

Tħassir

Ir-Regolament (UE) 2019/452 jitħassar b'effett minn [data: 15-il xahar wara d-dħul fis-seħħ].

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 24

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn [data: 15-il xahar wara d-dħul fis-seħħ].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti") u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi

3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

1.

QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskrinjar ta' investimenti barranin fl-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) 2019/452.

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Politika kummerċjali komuni/suq uniku.

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☐**azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[1]

☒ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

L-objettiv ġenerali tar-Regolament propost huwa li jtejjeb is-sigurtà u l-ordni pubbliku tal-UE fil-kuntest ta' investimenti diretti barranin u investimenti magħmula minn investituri barranin permezz ta' impriża stabbilita fl-UE ("investimenti barranin").

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

1. Biex ikun hemm ċertezza legali għall-mekkaniżmi nazzjonali tal-iskrinjar għal raġunijiet ta' sigurtà u ordni pubbliku sa fejn dawn jikkonċernaw l-investiment barrani kif definit mir-Regolament propost.

2. Biex tiżdied il-konsistenza bejn il-mekkaniżmi nazzjonali tal-iskrinjar, li tippermetti skrinjar aktar effiċjenti u effettiv tat-tranżazzjonijiet madwar l-UE u tipprevjeni l-frammentazzjoni tas-suq intern minħabba d-differenzi sinifikanti bejn il-mekkaniżmi nazzjonali tal-iskrinjar.

3. Biex l-Istati Membri kollha jintalbu jadottaw u jżommu mekkaniżmu li jippermettilhom jiskrinjaw b'mod effettiv l-investimenti barranin għal raġunijiet ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà.

4. Biex jittejbu l-effiċjenza u l-effettività tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar l-investimenti barranin koperti mir-Regolament propost.

1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Ir-Regolament propost jirrevedi u jtejjeb il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni maħluq bir-Regolament (UE) 2019/452. Ir-regoli l-ġodda għandhom l-għan li jtejbu l-kapaċità tal-UE li tidentifika investimenti barranin li x'aktarx jaffettwaw b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. Huwa mistenni wkoll li jipprovdi proċedura aktar effiċjenti u effettiva għall-valutazzjoni tat-

[1] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

tranżazzjonijiet li jeħtieġu awtorizzazzjoni ta' skrinjar f'aktar minn Stat Membru wieħed.

Ir-Regolament propost se jobbliga lill-Istati Membri kollha jżommu mekkaniżmu tal-iskrinjar li jippermettilhom jiskrinjaw b'mod effettiv l-investimenti barranin għal raġunijiet ta' ordni pubbliku jew sigurtà pubblika. Dawn il-mekkaniżmi tal-iskrinjar se jkollhom jappoġġaw il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fil-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, inkluża l-kapaċità tal-Istati Membri li jqisu t-tħassib dwar is-sigurtà ta' Stati Membri oħra u tal-Kummissjoni fid-deċiżjonijiet tal-iskrinjar tagħhom.

Jenħtieġ li r-Regolament propost ikompli jiffaċilita l-iskambju ta' prattiki tajba bejn l-Istati Membri, inkluż fil-laqgħat tal-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar l-iskrinjar tal-IDB fl-UE. Dan jenħtieġ li jirriżulta f'aktar allinjament tar-regoli nazzjonali ta' skrinjar u l-implimentazzjoni tagħhom.

Jenħtieġ li r-Regolament propost ikompli jappoġġa l-kooperazzjoni internazzjonali ma' pajjiżi mhux tal-UE dwar kwistjonijiet relatati mal-iskrinjar tal-IDB, b'rispett dovut għall-kunfidenzjalità tat-tranżazzjonijiet u l-investigazzjonijiet tal-iskrinjar relatati.

B'mod ġenerali, ir-regolament propost huwa mistenni li jżid is-sigurtà u l-ordni pubbliku mingħajr ma jiskoraġġixxi l-investiment barrani fl-UE.

1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

L-għadd ta' Stati Membri b'mekkaniżmu tal-iskrinjar li jikkorrispondi għar-rekwiżiti stabbiliti mir-Regolament propost.

L-għadd ta' tranżazzjonijiet ivvalutati mill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni fis-sena.

Is-sehem tat-tranżazzjonijiet li l-Istati Membri taw kummenti u/jew li l-Kummissjoni pprovdiet opinjoni dwarhom lill-Istat Membru fejn l-investiment huwa ppjanat jew tlesta (l-"Istat Membru ospitanti").

L-għadd u t-tip ta' azzjonijiet li ħadu l-Istati Membri fir-rigward ta' tranżazzjonijiet li x'aktarx jaffettwaw b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Istat Membru ospitanti jew ta' Stati Membri oħra, jew proġetti jew programmi ta' interess tal-UE għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku.

Minħabba n-nuqqas ta' metodoloġiji jew mudelli makroekonomiċi xierqa, ma huwiex possibbli li jitkejjel l-impatt tar-Regolament propost (jew l-iskrinjar tal-IDB b'mod ġenerali) fuq l-influss tal-investimenti lejn l-UE.

Ir-Regolament propost jipprevedi rapport annwali mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

Ir-Regolament propost se jkun japplika direttament, iżda huwa mistenni wkoll li jirrikjedi azzjoni leġiżlattiva fil-livell nazzjonali. Sa meta r-Regolament propost ikun applikabbli bis-sħiħ (jiġifieri 15-il xahar wara d-dħul fis-seħħ), l-Istati Membri kollha se jkollhom jistabbilixxu proċeduri effettivi għall-implimentazzjoni tiegħu, b'mod partikolari għall-iskrinjar tal-investimenti barranin fit-territorju tagħhom u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni. Barra minn hekk,

jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jkollhom bażi legali biex iqisu t-tħassib dwar is-sigurtà ta' Stati Membri oħra u tal-Kummissjoni, u, fejn meħtieġ, jieħdu miżuri li jistgħu jindirizzaw dan it-tħassib.

Ir-Regolament propost se jiġi evalwat fi żmien 5 snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu. L-evalwazzjoni se teżamina b'mod partikolari jekk, u sa liema punt, ir-Regolament propost ikkontribwixxa għall-protezzjoni tas-sigurtà u l-ordni pubbliku tal-UE.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell tal-UE (*ex ante*):

Ir-Regolament propost huwa mistenni li:

– jiġġenera aktar valur miżjud milli l-Istati Membri jistgħu jiġġeneraw individwalment;

– iżid il-protezzjoni effettiva tas-sigurtà u l-ordni pubbliku mir-riskji maħluqa minn ċerti IDB aktar milli l-Istati Membri jkunu jistgħu jżiduha individwalment;

– jobbliga lill-Istati Membri kollha biex jistabbilixxu mekkaniżmu tal-iskrinjar u jiżguraw l-allinjament tal-mekkaniżmi nazzjonali ta' skrinjar tagħhom. Dan ma jkunx jista' jsir mingħajr qafas fil-livell tal-UE.

Valur miżjud tal-UE li mistenni jiġi ġġenerat (*ex post*):

Jippromwovi l-adozzjoni u l-modernizzazzjoni ta' mekkaniżmi nazzjonali tal-iskrinjar għal raġunijiet ta' sigurtà u ordni pubbliku.

Jipprovdi lill-Istati Membri b'informazzjoni rilevanti għas-sigurtà li kieku mingħajr il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni ma jkollhomx.

Ikollu impatt fuq id-deċiżjoni meħuda mill-Istat Membru li jiskrinja tranżazzjoni.

Jippromwovi l-konverġenza bejn l-Istati Membri dwar x'jista' jikkostitwixxi riskju għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku u kif jiġu vvalutati r-riskji għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku.

Jippermetti eżami effiċjenti tat-tranżazzjonijiet li huma soġġetti għal awtorizzazzjoni f'aktar minn Stat Membru wieħed. Għalhekk, jenħtieġ li l-piż amministrattiv fuq in-negozji relatat mal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni tal-iskrinjar jkun aktar baxx u jenħtieġ li l-iskadenzi tad-deċiżjonijiet nazzjonali rilevanti jkunu allinjati aħjar. Dan jenħtieġ li jżid il-prevedibbiltà u ċ-ċertezza legali għall-investituri barranin u l-kumpaniji li jirċievu investiment barrani.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

Ir-Regolament propost iħassar u jissostitwixxi r-Regolament (UE) 2019/452 attwali. Dan huwa akkumpanjat minn rapport ta' evalwazzjoni, li jiġbor fil-qosor it-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tar-Regolament attwali.

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

L-inizjattiva tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz tar-riallokazzjoni tal-fondi fl-intestaturi rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027. L-impatt finanzjarju fuq l-approprjazzjonijiet se jkun kopert kompletament mill-allokazzjonijiet previsti fil-QFP 2021-2027 għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/452.

L-implimentazzjoni tar-regolament propost ser tkun konsistenti ma' proċeduri oħra ta' notifika jew awtorizzazzjoni stabbiliti fil-liġi tal-UE u mingħajr preġudizzju għalihom. Ir-Regolament huwa konsistenti mal-miżuri restrittivi tal-UE (sanzjonijiet) li, abbażi tal-Artikolu 215 TFUE, jieħu preċedenza fuq Regolamenti oħra tal-UE u jista' jipprojbixxi jew ifixkel l-awtorizzazzjoni tal-IDB minn ċerti pajjiżi terzi jew ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Matul il-valutazzjoni tat-tranżazzjonijiet, il-Kummissjoni se tkompli tibbenefika mill-għarfien espert eżistenti fis-servizzi tagħha relatati mas-setturi koperti mir-Regolament.

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

Mhux applikabbli.

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

☐ **durata limitata**

– ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☒ **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu mill-2026,

– segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lil korpi jew lil persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

Id-deċiżjoni finali dwar kwalunkwe investiment barrani tibqa' r-responsabbiltà tal-Istat Membru fejn l-investiment ikun ppjanat jew tlesta. Għalhekk, il-Kummissjoni se tkun responsabbli biex tiżgura li l-Istati Membri jikkonformaw mar-Regolament propost, iżda l-Istat Membru fejn l-investiment barrani ikun ppjanat jew tlesta se jibqa' responsabbli biex jinnotifika t-tranżazzjonijiet lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u jikkoordina mal-partijiet notifikanti involuti fil-proċedura ta' skrinjar (inkluż il-ksib tal-informazzjoni meħtieġa għall-valutazzjoni tat-tranżazzjoni minn Stati Membri oħra u l-Kummissjoni). Barra minn hekk, l-Istati Membri se jibqgħu responsabbli għad-deċiżjoni dwar investimenti barranin individwali (awtorizzazzjoni, awtorizzazzjoni kundizzjonali jew projbizzjoni) u għall-monitoraġġ u l-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-iskrinjar tagħhom.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Ir-Regolament se jobbliga lill-Kummissjoni tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament. Ir-Regolament se jiġi evalwat u rivedut 5 snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu. L-evalwazzjoni se teżamina b'mod partikolari jekk l-objettivi speċifiċi ikunux ikkontribwew għall-protezzjoni tas-sigurtà u l-ordni pubbliku fl-UE u sa liema punt. Il-Kummissjoni se tirrapporta dwar is-sejbiet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Jekk ir-rapport jirrakkomanda emendi għar-Regolament, huwa jista' jkun akkumpanjat bi proposta leġislattiva xierqa.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

Mhux applikabbli.

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

Mhux applikabbli.

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti") u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)

Mhux applikabbli.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Mhux applikabbli.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni

	Numru	Diff./Mhux diff.[1]	mill-pajjiżi tal-EFTA[2]	minn pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali[3]	minn pajjiżi terzi oħrajn	dħul assenjat ieħor
6	14.20.04.02	Diff.	LE	LE	LE	LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali	minn pajjiżi terzi oħrajn	dħul assenjat ieħor
	Mhux applikabbli		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

[1] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
[2] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
[3] Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	6: Il-Viċinat u d-Dinja

DĠ: TRADE			**2026**	**2027**						**TOTAL**
• Approprjazzjonijiet operazzjonali										
14.200402 - Relazzjonijiet kummerċjali esterni u Għajnuna għall-Kummerċ	Impenji	(1a)	0,493	0,250						**0,743**
	Pagamenti	(2 a)	0,247	0,372						0,619
Mhux applikabbli	Impenji	(1b)								
	Pagamenti	(2b)								
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[1]										
Mhux applikabbli		(3)								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għal DĠ TRADE	Impenji	=1a+1b +3	0,493	0,250						**0,743**
	Pagamenti	=2a+2b +3	0,247	0,372						0,619

[1] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	0,493	0,250						**0,743**
	Pagamenti	(5)	0,247	0,372						0,619
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA <KUMMERĊ> tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	0,493	0,250						**0,743**
	Pagamenti	=5+ 6	0,247	0,372						0,619

Jekk il-proposta/l-inizjattiva taffettwa iżjed minn intestatura operazzjonali waħda, irrepeti t-taqsima ta' hawn fuq:

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha)	Impenji	(4)	0,493	0,250						**0,743**
	Pagamenti	(5)	0,247	0,372						0,619
TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha)		(6)								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 6 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+ 6	0,493	0,250						**0,743**
	Pagamenti	=5+ 6	0,247	0,372						0,619

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	**7**	"Nefqa amministrattiva"

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2026	**2027**						**TOTAL**
DĠ: TRADE HQ									
• Riżorsi umani		2,670	2,670						**5,340**

• Nefqiet amministrattivi oħra		0,032	0,032						**0,064**
TOTAL	Approprjazzjonijiet	2,702	2,702						**5,404**

		2026	**2027**						**TOTAL**
DĠ: TRADE-DEL									
• Riżorsi umani		0,356	0,356						**0,712**
• Nefqiet amministrattivi oħra									
TOTAL	Approprjazzjonijiet	0,356	0,356						**0,712**

		2026	**2027**						**TOTAL**
DĠ: CNECT									
• Riżorsi umani		0,356	0,356						**0,712**
• Nefqiet amministrattivi oħra									
TOTAL	Approprjazzjonijiet	0,356	0,356						**0,712**

		2026	**2027**						**TOTAL**
DĠ: DEFIS									
• Riżorsi umani		0,356	0,356						**0,712**
• Nefqiet amministrattivi oħra									

TOTAL	Approprjazzjonijiet	0,356	0,356						**0,712**

		2026	**2027**						**TOTAL**
DĠ: GROW									
• Riżorsi umani		0,356	0,356						**0,712**
• Nefqiet amministrattivi oħra									
TOTAL	Approprjazzjonijiet	0,356	0,356						**0,712**

		2026	**2027**						**TOTAL**
DĠ: FISMA									
• Riżorsi umani		0,178	0,178						**0,356**
• Nefqiet amministrattivi oħra									
TOTAL	Approprjazzjonijiet	0,178	0,178						**0,356**

		2026	**2027**	**2028**	**2029**	**2030**	**2031**	**2032**	**TOTAL**
DĠ: RTD									
• Riżorsi umani		0,178	0,178						**0,356**
• Nefqiet amministrattivi oħra									
TOTAL	Approprjazzjonijiet	0,178	0,178						**0,356**

		2026	2027						TOTAL
DĠ: Servizz Legali									
• Riżorsi umani		0,178	0,178						**0,356**
• Nefqiet amministrattivi oħra									
TOTAL	Approprjazzjonijiet	0,178	0,178						**0,356**

		2026	2027						TOTAL
DĠ: JRC									
• Riżorsi umani		0,178	0,178						**0,356**
• Nefqiet amministrattivi oħra									
TOTAL	Approprjazzjonijiet	0,178	0,178						**0,356**

		2026	2027						TOTAL
DĠ: SEAE									
• Riżorsi umani		0,178	0,178						**0,356**
• Nefqiet amministrattivi oħra									
TOTAL	Approprjazzjonijiet	0,178	0,178						**0,356**

		2026	2027						TOTAL
DĠ: COMP									

• Riżorsi umani		0,034	0,034						**0,068**
• Nefqiet amministrattivi oħra									
TOTAL	Approprjazzjonijiet	0,034	0,034						**0,068**

		2026	**2027**						**TOTAL**
DĠ: AGRI									
• Riżorsi umani		0,017	0,017						**0,034**
• Nefqiet amministrattivi oħra									
TOTAL	Approprjazzjonijiet	0,017	0,017						**0,034**

		2026	**2027**						**TOTAL**
DĠ: ENER									
• Riżorsi umani		0,017	0,017						**0,034**
• Nefqiet amministrattivi oħra									
TOTAL	Approprjazzjonijiet	0,017	0,017						**0,034**

		2026	**2027**						**TOTAL**
DĠ: HERA									
• Riżorsi umani		0,017	0,017						**0,034**
• Nefqiet amministrattivi oħra									

TOTAL	Approprjazzjonijiet	0,017	0,017						**0,034**

		2026	**2027**						**TOTAL**
DĠ: JUST									
• Riżorsi umani		0,017	0,017						**0,034**
• Nefqiet amministrattivi oħra									
TOTAL	Approprjazzjonijiet	0,017	0,017						**0,034**

		2026	**2027**						**TOTAL**
DĠ: SANTE									
• Riżorsi umani		0,017	0,017						**0,034**
• Nefqiet amministrattivi oħra									
TOTAL	Approprjazzjonijiet	0,017	0,017						**0,034**

		2026	**2027**						**TOTAL**
DĠ: PAĠNA EWLENIJA									
• Riżorsi umani		0,017	0,017						**0,034**
• Nefqiet amministrattivi oħra									
TOTAL	Approprjazzjonijiet	0,017	0,017						**0,034**

		2026	2027						TOTAL
DĠ: MOVE									
• Riżorsi umani		0,017	0,017						**0,034**
• Nefqiet amministrattivi oħra									
TOTAL	Approprjazzjonijiet	0,017	0,017						**0,034**

		2026	2027						TOTAL
DĠ: SG									
• Riżorsi umani		0,017	0,017						**0,034**
• Nefqiet amministrattivi oħra									
TOTAL	Approprjazzjonijiet	0,017	0,017						**0,034**

TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta' impenji = Total ta' pagamenti)	5,194	5,194						**10,388**

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2026	2027	2028	2029	2030	2031	2032	TOTAL
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	5,687	5,444						11,131
	Pagamenti	5,441	5,566						11,007

3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-objettivi u l-outputs ⇩			Sena **N**		Sena **N+1**		Sena **N+2**		Sena **N+3**		Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)						**TOTAL**	
	OUTPUTS																	
	Tip[2]	Kost medju	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Nru totali	Kost totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU NRU 1[3]…																		
- Output																		
- Output																		
- Output																		
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1																		
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ...																		
- Output																		
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2																		
TOTALI																		

[2] L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

[3] Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi…"

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	2026	**2027**						**TOTAL**
INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	5,162	5,162						**10,324**
Nefqa amministrattiva oħra	0,032	0,032						**0,064**
Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	5,194	5,194						**10,388**

Barra mill-INTESTATURA 7[1] **tal-qafas finanzjarju pluriennali**								
Riżorsi umani	Mhux applikabbli							
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	Mhux applikabbli							
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Mhux applikabbli							

TOTAL	5,194	5,194						**10,388**

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

[1] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time

		2026	**2027**					
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)								
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)		27	27					
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet)		2	2					
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)								
01 01 01 11 (Riċerka diretta)								
Linji bażitarji oħra (speċifika)								
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE)[1]								
20 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")								
20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet)								
XX 01 xx **yy zz**[2]	- fil-Kwartieri Ġenerali							
	- fid-Delegazzjonijiet							
01 01 01 02 (AC, END, INT – Riċerka indiretta)								
01 01 01 12 (AC, END, INT - Riċerka diretta)								
Linji bażitarji oħra (speċifika)								
TOTAL		**29**	**29**					

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu bażitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet bażitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	L-uffiċjali u l-persunal temporanju se jaġixxu bħala punti ta' kuntatt u janalizzaw, fuq bażi ta' każ b'każ, jekk it-tranżazzjonijiet ta' investiment notifikati mill-Istati Membri humiex probabbli li jaffettwaw b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku f'aktar minn Stat Membru wieħed jew fil-kuntest ta' assi sensittiv tal-UE. Huma se jkollhom jimmonitorjaw fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet u investimenti greenfield fis-settur ekonomiku li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tad-Direttorati Ġenerali tagħhom u se jkollhom jinfurmaw lid-DĠ KUMMERĊ meta jqisu li tranżazzjoni x'aktarx li taffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku f'aktar minn Stat Membru wieħed jew fil-kuntest ta' assi sensittiv tal-UE. L-uffiċjali u l-persunal temporanju tad-DĠ KUMMERĊ se jkunu inkarigati mill-ġestjoni tal-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar l-iskrinjar tal-IDB fl-UE u l-kumitat stabbilit mir-Regolament; il-monitoraġġ u r-rappurtar dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (inkluż l-ipproċessar tar-rapporti annwali tal-Istati Membri u t-tħejjija

[1] AC = Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = Persunal tal-Aġenziji; JPD = Professjonisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

[2] Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

	tar-rapport annwali tal-Kummissjoni); il-kooperazzjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE dwar kwistjonijiet orizzontali relatati mal-iskrinjar tal-investiment; u l-monitoraġġ tal-politika nazzjonali u l-iżviluppi leġiżlattivi.
Persunal estern	Mhux rilevanti.

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☒ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

– ☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

– ☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☒ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena **N**[1]	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			Totali
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati								

3.3.

[1] Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

Impatt stmat fuq id-dħul

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

  – ☐ fuq ir-riżorsi proprji

  – ☐ fuq dħul ieħor

  – indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[2]						
		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu …….								

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

[2] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.